# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 9 ta' Jannar 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 153 /19 JPG**

**Kawza nru.: 18**

**KV**
**Vs**
**SM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' KV datat 14 ta'Gunju 2019, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kienu f'relazzjoni ta' kwazi seba' snin u minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri, SHV fil-X sena, kopja tac-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*
2. *Illi r-relazzjoni spiccat minhabba li l-intimata kienet qieghed ikollha relazzjoni intima ma' terzi waqt li kienet f'relazzjoni mar-rikorrenti. Illi wara li spiccat ir-relazzjoni u l-partijiet bdew jghixu separament, kien hemm ftehiem bonjaru bejniethom rigward ir-residenza tat-tifla minuri, liema ftehim kien is-segwenti u cioe', fl-ewwel gimgha, t-tifla minuri kienet tkun tlett granet mar-rikorrenti u erbat' ijiem mal-intimata u fit-tieni gimgha, t-tifla minuri kienet tkun erbat' ijiem mar-rikorrenti u tlett ijiem mal-intimata u dan b'mod alternat minn gimgha ghal gimgha. Illi dana l-ftehiem baqa' jsehh mit-28 ta' April 2018 u cioe' minn dakinhar li spiccat ir-relazzjoni sat-3 ta' Jannar 2019. Dana t-tip ta' arrangement ma baqax fis-sehh wara li r-rikorrenti kien*

*intavola rikors fl-atti tal-medjazzjoni minhabba li l-ex partner taz-zija tal-intimata rembel joint quddiem il-minuri u minhabba li kien induna li l-intimata kienet qieghda thawwad bid-droga. Illi minhabba li sar dana r-rikors, b' pika liema bhala, l-intimata ma rieditx tkompli b'dana l-arrangenent! Illi di fatti mhux biss waqfet milli t-tifla tkompli b'dak l-arrangement, izda waqfet lit-tifla minuri ghal gimghat shah milli tara r-rikorrenti. Illi ghalxejn ir-rikorrenti beda jghidilha biex tara l-gid tat-tifla, hija impikat u bdiet tuza t-tifla bhala arma kontra missieru. Di fatti ghadu sal-lum ma jistax jara lil bintu bil-mod kif kien qieghed jara qabel u dana minkejja li sar sforz kbir minn naha tieghu sabiex il-partijiet jaslu bonarjament u dana anka wara li l-medjazzjoni giet maghluqa. Izda l-intimata baqghet intransigenti u ma riedetx assolutament tasal b'mod* bonarju.

3. *Illi l-ambjent matern fejn qieghda tghix il-minuri mhuwiex ambjent idoneju sabiex titrabba t-tifla minuri u dana kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mertu tal-kawza. L-ambjent li tinstab fih bhalissa l-minuri jesponi l-minuri ghad-drogi, dagha, kliem oxxen, hajja laxka fejn in-nies li jghixu jew huma esposti ghal minuri jbiddlu hafna partners u ghalhekk il-minuri tara hafna partners godda kif ukoll nies li kienu l-habs. Di piu' l-intimata m'ghandhiex gharfien kif trabbi minuri u minflok tagixxi bhala genitur ma' bintha minuri, qieghda ma tezercita' l-ebda forma ta' responsabbilta' fejn tasal it-trobbija ta' l-istess minuri u dan kif ser jigi ampjament ippruvat fil-mori tal-kawza. Illi dana n-nuqqas ta' gharfien u responsabbilta' jinkwieta serjament lir-rikorrenti ghax wisq jibza' li t-tifla mhux se titrabba bhala tifla responsabbli izda se tithalla tikber qabel il-waqt u tagixxi ta' adulta meta ghad ghandha biss kwazi seba' snin.*

4. *In oltre, l-intimata qeghda tghawwi lit-tifla minuri kontra missierha billi tghid hafna kliem dispjeggjattiv fuq ir-rikorrenti mal-minuri u qieghda taghmel minn kollox sabiex il-missier ma jkollux relazzjoni kif suppost ma' bintu stess. Fil-fatt l-intimata sahansitra anka mhux qieghda thalli lir-rikorrenti u lil bintu minuri jikkomunikaw fuq il-mobile u dana billi bblokkat in-numru cellulari tar-rikorrenti! Illi dana jammonta ghal parental alienation.*

**5.** *Illi l-medjazzjoni kellha tinghalaq minhabba intransigenzi u pika ezagerata minn naha ta' l-intimata. Fil-fatt il-partijiet gew awtorizzati jipprocedu permezz ta' kawza mill-Onorabbli Qorti liema awtorizazzjoni giet moghtija fl-ghaxra ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (10/5/2019), kopja ta' dan id-digriet huwa hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok B;***

6. *Illi r-rikorrenti jixtieq li jigu ssalvagwardjati l-ahjar interess ta' bintu minuri.*

7. *Illi ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza.*

*Ghalhekk qieghed jigi mitlub umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1) *Tordna li l-kura u l-kustdoja tal-minuri SHV ghandha tkun fdata b'mod esklussiv f'idejn ir-rikorrenti jew f'nuqqas ta' dan b'mod kongut bejn il-partijiet;*
2) *Tordna li r-residenza tal-minuri SHV tkun mar-rikorrenti;*
3) *Tordna u tiffissa granet u hinijiet ghal access li l-omm rikorrenti ghandu jkollu verso l-minuri SHV u dan wara li jigi accertat l-ahjar interessi u ezigenzi tal-minuri;*
4) *Minghajr pregudizzju ghat-tieni u t-tielet talba, f'kaz li dawna ma jintlaqawx tordna illi r-rikorrenti jkollu access verso l-minuri SHV u dan wara li jigi accertat l-ahjar interessi u ezigenzi tal-minuri;*
5) *Tordna u tiffissa manteniment verso l-minuri SHV;*
6) *Tordna li l-ammont ta' manteniment verso l-minuri SHV jithallas mill-intimata lir-rikorrenti, direttament permezz ta' standing order f'kont bankarju ta' l-istess attrici;*
7) *Tordna li l-ammont ta' manteniment hekk stipulat jgholha kull sena;*
8) *Tordna li l-intimata thallas lir-rikorrenti nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri fin-nuqqas ta' dana tordna li tinghata garanzija xierqa li tkopri dan.*
9) *Tordna illi c-Children's Allowance u kull beneficcju li tista' tkun eligibbli t-tifla minuri jigi ppercepiet mir-rikorrenti.*

*Salv dejjem xi provvedimenti ohra li fil-fehma ta' dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma iktar xieraq.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat inkluz dawk inkorsi waqt il-medjazzjoni 822/18.*

*Minn issa l-intimat huwa ingunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' SM datata 12 ta' Lulju 2019, a fol 20, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti ma taqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa minn KV fir-rikors guramentat intavolat minnu; liema huma ghal kollox inveritieri u infondati, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan kif ser jirrizulta tul is-smiegh tal-kawza;*
2. *Illi fil-qosor jinghad illi minn relazzjoni ta' madwar seba' snin, nhar il-21 ta' Gunju 2012 twieldet il-minuri SHV;*
3. *Illi jinghad li r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn wara li l-attur ghal darb' ohra refa' idu fuq persunt l-esponenti u dan fil-prezenza tal-bint minuri SHV ! Jinghad li din ma kienitx occurrenza ta' darba u l-minuri tant kienet ixxokjatha bl-agir ta' missierha li mhux biss bdiet tghin lill-ommha tippakja izda anke bdiet tinkorragiha biex titlaq mid-dar fejn il-partijiet kienu jikkonvivu;*
4. *Illi jinghad li r-rikorrent huwa persuna possessiva hafna, u l-ahhar incident meta l-partijiet effettivament itterminaw ir-relazzjoni taghhom f'April 2018, inqala' ghaliex m'ghogbux il-qalziet li kienet libsa l-esponenti, tant li apparti li sawwatha quddiem il-minuri huwa anke qattalha l-qalziet biex zgur ma tohrogx bih u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*
5. *Illi l-attur jippretendi li l-minuri tkun mieghu daqskemm tkun mal-Omm u dan sempliciment biex ma jikkontribwixxix manteniment ghall-istess bint; tant li sal-lum, minkejja trepass ta' iktar minn seba' xhur ghadu qed jirrifjuta li jhallas manteniment ghall-bintu u/jew li jaqsam nofs bin-nofs ghall-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-bint minuri;*
6. *Illi jinghad li tul il-proceduri ta' medjazzjoni l-attur ivvinta hafna allegazzjoni foloz u inveritieri fuq l-esponenti u l-familja taghha u dan biex minghalih jikkonvinci lill-Qorti biex tiddeciedi li l-minuri ghandha tabiba mieghu. Bizzejjed jinghad li l-allegazzjonijiet tal-attur inbidlu mill-inqas tliet darbiet u kienu jvarjaw minn allegazzjoni li l-esponenti tmiss id-drogi sa allegazzjoni ta' problema ta' alcohol ta' familjari tal-esponenti; liema allegazzjonijiet kollha rrizultaw fin-negattiv;*
7. *Illi ghalhekk m'huwa xejn ta' sorpriza li issa qed jivvinta li l-esponenti qed tezercita*

*aljenazzjoni fuq il-minuri SHV. Effettivament ser jirrizulta illi huwa propju l-attur u l-familjari tieghu li qed jezercitaw aljenazzjoni fuq il-bint minuri u jiddenegraw lill-esponenti quddiem il-minuri SHV, jirreferu ghall-partner tal- esponenti bhala "l-gurdien" u jghidu lill-minuri li ommha hija mignuna u marida, tant li l-minuri hi prekluza milli tbus lill-ommha fil-prezenza taghhom u dan kollu ser jigi ppruvat fil-mori tal kawza;*

*Illi ghaldaqstant, fir-rigward tat-talbiet ta' KV kif dedotti fir-rikors guramentat intavolat minnu, l-esponenti tissottometti s-segwenti:*

1. *Illi hija topponi bil-qawwa li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata f'idejn ir-rikorrent u/jew li din tigi fdata f'idejn il-partijiet b'mod kongunt. Kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, il-partijiet m'ghandhomx relazzjoni tajba bejniethom minhabba l-agir possessiv tal-attur. Kif ben tghallimna dil-Onorabbli Qorti, fejn id-differenzi tal-partijiet ikunu irrikonciljabbli, tant li ma jaqblu dwar xejn, il-kura u l-kustodja ta' minuri dejjem tigi vestita f'idejn parti wahda jew ohra. F'dan ir-rigward l-esponenti tirrileva illi l-minuri dejjem ghexet maghha u kienet dejjem hi li kellha l-kura primarja tat-tifla.*

2. *Illi l-esponenti topponi ghat-tieni talba ta' KV u din il-Qorti ghandha tikkonferma li l-minuri ghandha tkompli tabita mal-Omm u dan kif diga' giet degretat b'zewg digrieti separati;*

3. *Illi l-esponenti topponi ghat-tielet talba stante li l-hinijiet tal-access ghandhom jigu ffissati ghall-attur KV stante li l-Minuri ghandha tkompli tabita maghha;*
4. *Illi l-esponenti ma topponix li l-Missier ikollu access ghall-bintu;*

5. *Illi l-esponenti topponi ghall-hames,sitt, seba', tmienja u disa' talbiet u dan stante li m'hemm l-ebda raguni li tolqot l-interess tal-minuri, biex din ma tibqax tabita maghha u hi jkollha l-kura u l-kustodja esklussiva taghha u kwindi ghandu jkun l-attur li jhallas manteniment ghall-bint flimkien mal-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, u mhux bil-kontra; u ghandha tkun l-esponenti li tibqa'*

*tippercepixxi c-children's allowance tal-minuri;*

*Finalment, l-esponenti qed topponi wkolll ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni u tikkontendi li dawn ghandhom jigu akkollati lir-rikorrent.*

Rat il-Kontro-Talba ta' SM , a fol 24 li taqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni ta' madwar seba' snin, nhar il 21 ta' Gunju 2012 twieldet il-minuri SHV;*

2. *Illi jinghad li r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn iktar minn sena ilu, u dan wara li ghal darb'ohra refa' idu fuq persunt l-esponenti fil-prezenza tal-bint minuri SHV. Jinghad li din ma kienitx occorrenza ta' darba u l-minuri tant kienet ixxokjata bl-agir ta' missierha li mhux biss bdiet tghin lill-ommha tippakja izda anke bdiet tinkoraggiha biex titlaq mid-dar fejn il-partijiet kienu jikkonvivu;*

3. *Illi jinghad li l-attur huwa persuna possessiva hafna, u l-ahhar incident meta l-partijiet effettivament itterminaw ir-relazzjoni taghhom f'April 2018, inqala' ghaliex m'ghogbux il-qalziet li kienet libsa l-esponenti, tant li apparti li sawwatha quddiem il-minuri huwa anke qattalha l-qalziet biex zgur ma tohrogx bih u dan kif ser jigi ippruvat fil-mori tal-kawza;*

4. *Illi l-attur jippretendi li l-minuri tkun mieghu daqskemm tkun mal-Omm u dan sempliciment biex ma jikkontribwixxix manteniment ghall-istess bint, tant li sal-lum, minkejja trepass ta' iktar minn seba' xhur ghadu qed jirrifjuta li jhallas manteniment ghall-bintu u/jew li jaqsam nofs bin-nofs ghall-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-bint minuri;*

5. *Illi jinghad li tul il-proceduri ta'medjazzjoni l-attur ivvinta hafna allegazzjoni foloz u inveritieri fuq l-esponenti u l-familja taghha u dan biex minghalih jikkonvinci lill- Qorti biex tiddeciedi li l-minuri ghandha tabita mieghu. Bizejjed jinghad li l-allegazzjonijiet tal-attur ibidlu mill-inqas tliet darbiet u kienu*

*jvarjaw minn allegazzjoni li l-esponenti tmiss id-drogi sa allegazzjoni ta' problema ta' alcohol ta' familjari tal-esponenti kif ukoll li l-esponenti traqqad lill-minuri f'sodda maghha; liema allegazzjonijiet kollha rrizultaw fin-negattiv.*

6. *Illi ser jirrizulta wkoll illi l-attur u l-familjari tieghu qed jezercitaw aljenazzjoni kbira fuq il-bint minuri u jiddenegraw lill-esponenti quddiem l-istess minuri, u dan anke billi jirreferu ghall-partner tal-esponenti bhala l-"gurdien" u jghidu lill-minuri li ommha hija mignuna u marida, tant li l-minuri hi prekluza milli tbus lill-ommha fil-prezenza taghhom u dan kollu ser jigi ppruvat fil-morti kawza;*

7. *Illi l-partijiet ma setghu qatt jaslu fi ftehim bonarju u dan stante li minkejja d-diversi digrieti moghtija mill-Qorti fil-medjazzjoni, huwa baqa' jippretendi li l-minuri tkun mieghu daqskemm tkun mal-Omm u/jew li din ghandha tabita mieghu u dan anke jekk kif ser jirrizulta mhux fl-interess tal-minuri li tabita mieghu u fi kwalunkwe kaz huwa ma jistax ikun mal-bint;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:*

1. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-bint minuri esklussivament f'idejn ir-rikonvenzjonata esklussivament f'idejn ir-rikonvenzjonanta Omm, b'dana illi l-Minuri tirrisjedi mal-Omm, li tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-istess minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, esklussivament minnha minghajr htiega tal-firma tal-attur;*

2. *Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-Minuri u dan sakemm l-istess taghlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana*

*flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri.*

3. *Tordna li l-imsemmi manteniment kif ser jigi likwidat, ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-attur rikonvenzjont jew direttament mis-servizzi s-socjali li huwa jista' jkun qed jippercepixxi fil-futur u jigi vversat favur l-esponenti ghall-bzonnijiet tal-minuri;*

4. *Tillikwida l-ammont ta' kumpens li l-attur ghandu jhallas lill-esponenti fir-rigward tal-ispejjez ghat-trobbija tal-minuri rapprezentanti manteniment u spejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari minnu mhux imhallsa, minn Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) u tordna lil attur rikonvenzjonant li ihallas l-istess ammont hekk likwidat;*

*Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk taz-zewg medjazzjonijiet u tat-testijiet kollha li kellha tinkorri l-esponenti minhabba l-allegazzjoni inveritieri mressqa minnu, kontra l-attur rikonvenzjonat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta Guramentata ta' KV datat 7 t' Awissu 2019, a fol 55, li taqra hekk:

1. *Illi huwa minnu illi minn relazzjoni li damet madwar seba' snin twieldet il-minuri SHV fil- wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju 2012. Izda mhuwiex minnu li r-relazzjoni spiccat minhabba li l-attur rikonvenzjonat kien vjolenti anzi hija kienet vjolenti u kienet taghtu bis-siggu. Din hija kalunja li qieghda tinghad sempliciment sabiex il-konvenuta rikonvenzjonanti taqta' lill-attur rikonvenzjonat barra minn hajjet binthom.*

2. *Illi tant mhux minnu dawna l-grajjiet li gew allegati li minn wara li spiccat ir-relazzjoni u cioe' minn April 2018 sa Dicembru 2018, il-minuri kienet tghix prattikament gimgha ma' l-atturi rikonvenzjonat u gimgha mal-konvenuta rikonvenzjonanti u cioe' fl-ewwel gimgha tlett ijiem mal-konvenuta rikonvenzjonanti u erbat ijiem ma' l-attur rikonenzjonat u l-gimgha ta' wara bil-kontra u dana jalterna minn gimgha ghal gimgha. Jigifieri kien hemm shared residence. Illi ghalhekk kieku hemm verament dina l-vjolenza zgur dan ma kienx isehh.*

*3. Illi l-verita' hija wahda semplici. Minn mindu dahal fix-xena l-boyfriend tal-konvenuta rikonvenzjonanti, certu Jurgen Borg, l-konvenuta rikonvenzjonanti ddecidiet illi l-attur rikonvenzjonat m'ghandux ikollu iktar ir-rwol ta' missier f'hajjet il-minuri, liema rwol hija tridu li jiehdu dana Jurgen Borg.*

*4. Illi huwa qatt ma ghamel allegazzjonijiet foloz u dana kif ser jigi ppruvat ampjament matul il-proceduri ta' dina l-kawza.*

*5. Illi fil-fatt anke harsa lejn it-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonati jidher carissimu specjalment fl-ewwel talba li l-ghan tal-konvenuta rikonvenzjonanti huwa li taqta' wahda ghal kollox lill-attur rikonvenzjonat minn hajjet bintu.*

*6. Illi huwa mhux minnu li huwa qieghed jezercita' parental alienation jew jghajjar lil boyfriend tal-konvenuta rikonvenzjonanti quddiem il-minuri. Anzi hija propjament l-istess konvenuta rikonvenzjonanti li qieghda taghmel parental alienation billi timla' mohh il-minuri b'hafna falsitajiet fuq l-istess attur rikonvenzjonat. Mill-kliem il-minuri jidher bic-car illi l-minuri qieghda timtela kontra missierha u l-konvenut rikonvenzjonat jiddispjacih hafna ghal dan. Billi r-relazzjoni tal-kontendenti spiccat (u dana ghal ragunijiet imputabbli lil konvenuta rikonvenzjonanti kif ser jigi ampjament ippruvat fil-kawza) huwa xorta jibqa' missier il-minuri. Izda l-konvenuta rikonvenzjonanti ma tistax tifhem dan u dan jidher iktar bic-car b'dina l-kontro-talba nnifisha*

*7. Illi ma hemm l-ebda lok illi l-kura u kustodja ghandha tkun esklussiva lil omm. Illi dana qieghed jigi mitlub sempliciment sabiex il-konvenuta rikonvenzjonanti tkun tista' tissanna l-parental alienation li hija qeghda tezercita. Illi ghalhekk l-ewwel talba ghandha tigi michuda in toto.*

*8. Illi fuq l-istess linja anke t-talba li r-residenza tal-minuri ghandha tkun ghand il-konvenuta rikonvenzjonanti biss. Illi kif gie spjegat ampjament fir-rikors guramentat tal-attur rikonvenzjonat u kif ser jigi ppruvat ampjament fil-kawza li r-residenza tali-minuri tkun esklussivament ma' l-omm mhuwiex fl-ahjar interess tal-minuri. Ghalhekk l-ewwel talba*

*ghandha ukoll tigi michuda in toto.*

*9. Illi ma hemm l-ebda oggezzjoni illi dina l-Onorabbli Qorti tiffissa l-manteniment li ghandu jinghata lil minuri skont il-ligi u cioe' precizament skont l-Artikolu 3B tal-Kodici Civili u mhux kif imsejsa fit-tieni talba. Izda kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li l-minuri tghix mal-attur rikonvenzjonat, ghandha tkun il-konvenuta rikonvenzjonanti li tigi ordnata thallas dana l-manteniment ghal binthom minuri. U f'kaz li dina l-istess Onorabbli Qorti tordna li jkun hemm a shared residence kull parti ghandha terfa' l-obbligu li tmanti lil minuri meta l-minuri tkun maghha, salv l-ispejjez ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet estra-kurrikulari li dawna ghandhom jinqasmu. Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premissi t-tieni talba ghandha tigi michuda.*

*10. Illi kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti tordna li l-attur rikonvenzjonat ghandu jhallas manteniment ghal bintu minuri, ma hemm l-ebda ragunijiet validi kif ser jigu ppruvati fil-kawza ghaliex il-manteniment ghandu jinqata direttament mill-paga tieghu jew mill-beneficcji socjali li jkun jista' jippercepixxi. Ghalhekk it-tielet talba ghandha ukoll tigi michuda.*

*11. Illi fl-ahhar nett ma hemm l-ebda ragunijiet validi skont il-ligi, kif ukoll l-istess ligi u gurisprudenza ma tipprovidiex sabiex manteniment jinghata b'lura. Illi kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni huwa dejjem lest li jipprovdi ghal bintu minuri. Ghalhekk ir-raba' talba ghandha ukoll tigi michuda.*

*12. Illi kif jidher anka mit-talbiet innifshom kif inhuma msejsin, ghal konvenuta rikonvenzjonanti, l-attur rikonvenzjonat huwa biss magna ta' l-ATM u xejn iktar. Illi dana huwa deplorabbli li r-rwol tieghu ta' missier qieghed jigi mitlub sabiex jigi ridott biss biex johrog il-flus biss. Huwa jrid l-ahjar ghal bintu u ghalhekk huwa fetah il-proceduri li bis-sahha taghhom l-konvenuta rikonvenzjonanti ghamlet dina l-kontro-talba odjerna.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti regghet rat ir-rikors u risposta, u d-digriet taghha moghti nhar il-25 ta' Lulju 2019 il-gbir tal-minuri minn Skola Sajf. Regghet rat ir-rikors, risposta u d-digriet ta' din il-Qorti moghti nhar is-6 t'Awwissu 2019 li permezz tieghu laqghet it-talba biex il-minuri ssiefer mal-intimata u is-sieheb taghha gewwa Parigi. Rat ir-rikors b'urgenza u d-digriet taghha tad-9 t'Awwissu 2019 li permezz tieghu din il-Qorti kellha tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jaccedi fejn ikun l-attur u jigbor hu l-passaport tal-minuri minghand l-attur.

Din il-Qorti rat in-nota tal-konvenuta tas-7 ta' Novembru 2019 b'rendikont tal-ispejjez li kienet nefqet hi u li l-attur kien ghad irid jhallas sehmu, b'kopja tal-ircevuti relattivi annessi man-nota. Rat ir-rikors li segwa mill-attur fuq tali spejjez u r-risposta tal-konvenuta. Din il-Qorti kienet cahdet it-talbiet tal-attur permezz ta' digriet tad-19 ta' Dicembru 2019 u avzat lill-partijiet sabiex il-komunikazzjoni ta' bejniethom ma tibqax daqshekk pessima bhal ma giet ezebitha fl-atti.

Din il-Qorti regghet rat id-digriet taghha tas-16 ta' Dicembru 2019 li permezz tieghu li din il-Qorti tordna l-hlas ta' manteniment *pendente lite* kif ukoll li l-missier jikkontribwixxi sehmu ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni. Din il-Qorti fliet l-atti u qieset illi l-prospett tal-ispejjez indikat mill-konvenuta kien wiehed esagerat u mhux attendibbli. Ghalhekk *arbitrio boni viri*, din il-Qorti kienet iddecidiet li l-missier ghandu jivversa l-ammont ta' mitejn u hamsin euro (€250) fix-xahar oltre ghal nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet estra-kurrikulari. Stante d-dizgwid bejn il-partijiet, din il-Qorti kienet laqghet it-talba li l-manteniment jithallas billi jinqata' direttament mis-salarju tal-attur.
Permezz tal-istess digriet, din il-Qorti kienet irregolat l-access fi zmien il-Milied 2019 billi ordnat li l-missier ikollu access addizjonali mill-24 ta' Dicembru 2019 mis-2.30pm sal-Milied fis-2.30pm. Fis-sena ta' wara l-Missier jkollu access mill-gurnata tal-Milied fis-2.30pm sal-ghada tal-Milied fis-2.30pm u dan l-arrangament jibqa' jalterna minn sena ghal sena. L-istess jghodd ghall-Ewwel tas-Sena. Din il-Qorti specifikat illi f'dawn il-granet l-access normali jaqa' u l-partijiet isegwu l-access specjali ghal dawn il-granet.

Din il-Qorti rat illi waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2020, innominat lill-Psikologa Ingrid Vassallo sabiex tirrelata fuq jekk it-tifla tal-partjiet kellix bzonn terapija u tevalwa jekk hux sitwazzjoni ta' *parental*

alienation. Ir-rapporti tal-Psikologa Ingrid Baldacchino li kellha quddiemha fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2021[1]. Il-Psikologa pprezentat rapport datata 16 ta' Ottubru 2020 (a fol 39).

Il-Psikologa Baldacchino pprezentat rapport fil-15 ta' Mejju 2023 (fol. 1660) fejn wara li kienet tat ix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti nhar it-8 ta' Marzu 2023, il-minuri ndikat illi kienet bdiet tesperjenza divergenzi minn ma' missierha, kif ukoll li meta t-terapista kelmet lill-missier, dan indika li kien kollu hela ta' hin. Din il-Qorti tinnota illi din il-bidla fil-hsieb tal-attur giet wara li l-psikologa cahdet li kien hemm *parental alienation* mill-omm fit-testimonjanza taghha u ghalhekk ghax il-missier ra li ma kienetx qed tissostanzjalizza t-tezi tieghu, beda jara l-hidma tal-professjonista bhala hela ta' hin. Dan mhux l-attitudni idoneja ghaliex it-terapija kienet qed tinghata ghall-benessere tal-minuri.
Il-Psikologa ntavolat l-ahhar rapport taghha nhar it-2 t'Ottubru 2024 li permezz tieghu ndikat illi r-relazzjoni tal-bint ma' missierha u l-familja tieghu kienu qieghda tmur ghall-aghar. Il-psikologa rrimarkat illi l-pika bejn il-partijiet ghadha ma taffiet xejn u ghalhekk il-minuri qieghda thossha li jkollha taghzel bejn il-genituri taghha. Il-Psikologa tirrakomanda li jkun hemm hin ugwali tal-minuri ma' kull genitur sabiex hi ma thossx li ghandha bzonn taghzel. Il-hin nofs bin-nofs mhux se johloq diffikultajiet ghall-minuri stante li z-zewg genituri jirrisjedi fl-istess rahal. Dan ghandu jtaffi l-piz finanzjarju fuq l-omm li qed johloq ansjeta' fit-tifla wkoll.

Din il-Qorti reghet rat ir-rikors tal-konvenuta dwar is-sospensjoni tal-access tal-attur fi zmien il-pandemija u d-digriet dettaljat u spjegattiv li bih din il-Qorti laqghet it-talbiet taghha ta' nhar is-6 ta' Mejju 2020. Minkejja dan kien hemm bzonn ta' digriet iehor ta' nhar l-20 ta' Mejju 2020 li permezz tieghu din il-Qorti kellha tikkjarfika li l-access tal-attur komplet fil-granet differenti kienet sospiz f'tali perjodu. Dan juri l-pika estrema ta' bejn il-partijiet illi minflok jifhmu l-intediment tad-digrieti, jinflu kelma b'kelma u jaraw ma' liema jistghu jaqbdu.

Din il-Qorti regghet rat ir-rikors tal-31 t'Ottubru 2022 intavolat mill-attur li bih talab li l-Qorti tordna li l-genituri jattendu kors fuq il-hiliet taghhom ta' genituri kif ukoll li t-tifla tirrisjedi mal-partijiet b'mod ugwali.

---

Rapport 28th January 2021:

---

[1] Vide Fol. 464

Din il-Qorti rat ir-rikors intavolat mill-attur nhar 16 ta' Frar 2021 li permezz tieghu talab li l-minuri tibda tirrisjedi mieghu minhabba li l-omm kienet inkonsistenti fl-agir taghha waqt il-pandemija fejn ma kienetx qed thalliha tmur skola izda imbaghad kienet thallatha man-nies meta johorgu. Inoltre talab li t-tifla terga' tmur lura sabiex ma titlifx mill-edukazzjoni taghha u ma tinqatax mill-hbieb. Din il-Qorti cahdet it-talba stante li l-minuri kienet qed taghmel ix-xoghol tal-iskola u *extrawork* u xorta kienet sejra tajjeb akkademikament u l-omm hija persuna vulnerabbli ghaliex hija *asthmatic* u ghandha tarbija ta' ftit xhur.

Rat ir-rikors tas-26 ta' Marzu 2021 ntavolat mill-attur biex jigi fdat bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, u jkollu access aktar ampju. Din il-Qorti cahdet it-talbiet tal-attur stante li dawn saru hmistax (15)-il gurnata biss wara d-digriet precedent tal-Qorti u ma kien hemm l-ebda tibdil fic-cirkostanzi.

Din il-Qorti rat id-digrieti moghatija nhar is-16 ta' Dicembru 2019, fis-6 ta' Mejju 2020, fl-20 ta' Mejju 2020, fis- 27 t'Awissu 2020, u l-10 ta' Marzu 2021.

Rat id-digriet tat-13 ta' Settembru 2021 wara li l-attur missier talab r-revoka tad-digriet precedenti jew altrimenti takkorda access aktar ampju u tordna li l-minuri tattendi skola fizikament. Din il-Qorti cahdet it-talbiet tal-attur stante li ma kienx indikat l-ebda tibdil fic-cirkostanza gravi u validi fil-ligi biex l-omm tigi zvestita mill-kura u kustodja jew li jimmeritaw tibdil fir-residenza tal-minuri. Din il-Qorti ma setghetx takkorda access aktar ampju milli dak li kellu l-attur minghajr ma tohloq instabbilta' ghall-minuri.

Rat illi waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2022 (fol. 787), din il-Qorti ordnat access ghal waqt il-vaganzi kull nhar ta' Tnejn mill 5pm sas-7pm, it-Tlieta *sleepover* ghall-Erbgha fil-5pm u *sleep over* b'mod alternanti fi tmiem il-gimgha u dan l-arrangament ghandu jkun ghal vaganzi skolastici tas-Sajf, l-Ghid u tal-Milied.

Rat illi waqt is-seduta tas-7 ta' Lulju 2022 cahdet it-talbiet imressqa mill-attur fir-rikors tieghu b'urgenza li permezz tieghu kien talab li din il-Qorti twissi lill-konvenuta biex ma tkomplix taggixxi kontra l-interessi tal-minuri, li l-minuri ma tithallix tfalli l-iskola bla bzonn, li tixhed it-tabiba li rilaxxat certifikat mediku sabiex il-minuri ma tattendix l-iskola u li tordna terapija ghall-konvenuta. Din il-Qorti qieset dawn it-talbiet bhala fieragh.

Rat id-digriet li din il-Qorti tat fl-14 ta' Lulju 2023 li permezz tieghu laqghet it-talba tal-attur b'mod limitat u taghtu access kull tielet tmiem il-gimgha tax-xahar li jkun estiz ghal tmien il-gimgha shih mill-Gimgha fis-6pm sal-Hadd fis-6pm filwaqt li kull raba' *weekend* tax-xahar, l-intimat ma jkollux access biex anke l-omm tkun tista' tqatta tmiem il-gimgha shih mal-bint. Kull genitur li ma jkunx qed jezercita access ikollhom dritt ta' telefonata bejn il-5pm u l-5.30pm.

Din il-Qorti regghet rat ir-rikors tal-konvenuta omm ta' nhar it-13 ta' Settembru 2021 li permezz tieghu talbet revizjoni fl-access tal-missier ta' matul il-gimgha stante li l-minuri kienet sejra tibda l-iskola sekondarja. Inoltre tkelmet fuq id-diffikulta li tiskontra mal-Missier fuq sehmu mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u extra-kurrkulari ezempju li ma baqax jiehu lill-minuri ghat-terapija u ghalhekk kull sessjoni kienet qed thallasha hi. Din il-Qorti rat is-sensiela twila ta' rikorsi u digrieti dwar access u manteniment ghall-minuri u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet b'rizerva li tipprovdi fis-sentenza finali.

Din il-Qorti rat illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2024, kien hemm il-htiega li l-access tal-festi jigi ccarat u ghalhekk fuq talba kongunta gie vverbalizzat illi l-access tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena huwa access "addizzjonali" u mhux kif kien b'sostituzzjoni kif kien fid-digriet tas-16 ta' Dicembru 2019. Izda l-access tal-missier kien ikun imissu fil-festi pubblici, Milied, l-Ewwel tas-Sena, *Fathers' Day, Mothers' Day,* gheluq snin il-minuri u gheluq snin il-partijiet jigi kancellat u jigi ezercitat access specjali.

*__Il-Verzjoni tal-Attur u l-Provi Mresqa Minnu:__*

L-Attur xehed specifikament dwar il-lanjanza tieghu tal-*parental alienation,* permezz tal-affidavit, debitament mahluf nhar il-15 ta' Settembru 2020 (fol. 258 et seq.). Jghid illi hu kellu relazzjoni eccellenti ma' bintu sakemm beda jinduna li ommha bdiet tghawwiha kontrih wara li hu ma ridx ikompli bir-relazzjoni. L-attrici bdiet tiehu lit-tifla f'postijiet fejn jiehdu d-droga u kienet qed trabbija f'dar fejn kien ikun hemm hafna glied bejn il-membri tal-familja. Meta fetah il-proceduri, haditha kontrih u qaltlu li kien ser jarralu. Minn hemm beda jinnota strategiji assocjati mal-*parental alienation* bhal li darba mar ghat-tifla u ma hallitix tmur mieghu anke jekk it-tifla kienet qed tara kollox mill-gallarija. Bejn April 2018 u Jannar 2019 il-partijiet kienu jezercitaw *shared residency* fejn it-tifla kienet tqatta' tlett ijiem ma' genitur u erba' mal-genitur l-iehor u l-gimgha ta' wara jalternaw.
Jghid illi kien hemm zewg incidenti, wiehed bil-laptop u gimgha wara bil-cupcakes, li l-attrici qalet lill-minuri li hu ma ridx ihallas ghalihom biex titfa' dell ikrah fuqu.
Meta t-tifla dahlet taghmel operazzjoni l-isptar, il-konvenuta ghamlet storja shiha tghajjat biex l-gharusa ta' huh ma tmurx taraha.

Jghid li ghalkemm qabel il-pandemija, it-tifla kienet tqatta' hafna mill-hin man-nanniet paterni, wara bdiet tkellimhom differenti u darba meta rat lil nannuha barra, telqet tigri. Jghid illi t-tifla allegatament qalet lill-ommha biex iccempel psikologa izda ghalih din mhux realistika. Jekk it-tifla tkun ma' ommha, tahrab u ma tkellimx lill-attur jew lil familtu ghaliex qisha ma tkunx trid taghmel xi haga li ommha ma tapprovax. Meta jwassalha, jekk ikun hemm ommha tistennieha, tinzel mill-karozza u ssabbat il-bieba. Jekk ommha ma tkunx hemm, ddur u tghanqu.

F'Dicembru 2018 l-attrici bdiet tesigi li jibghatilha l-hinijiet u l-granet meta kien ser imur ghat-tifla u bdiet tghid lit-tifla li ma kienx sejjer ghaliha. It-tifla bdiet tibghat messaggi lil kugintha li kienet qed thoss in-nuqqas taghhom. L-attrici ghamlet tmixtax (18)-il gurnata la thallih jaraha u lanqas ikellimha lit-tifla u kienet anke ma tibghatix duttrina biex ma jkunx jista' jaraha.

Kien hareg lit-tifla ghal karnival u l-ghada kien inqala' argument ghax skont l-omm ma kienx halla lit-tifla tkellem lil zitha. Induna li t-tifla kienet qed tigi nterrogatha wara l-access.

Kienu marru picnic u fil-granet ta' wara, it-tifla qaltlu li kien ghamilha l-hsara l-ikel. Isemmi l-ghada ta' wahda mill-festi ta' Haz-Zebbug fejn iltaqa' ma' omm l-attrici u sar jaf li l-ghada t-tifla kienet ser tkun maghha. Hu qalilha li xtaq jehodha l-bahar imma dan kien suggett ghal jekk taqbilx SM.

Jghid li l-omm ma tinvolvihx fid-decizjonijiet relatati mat-tifla fejn suppost titlob il-kunsens tieghu bhal per ezempju meta rregistrat lit-tifla ghal Skola Sajf li sar jaf minn rikors li ntavolat. Fil-laqgha li attenda sar jaf li l-omm kienet tat il-kunsens li l-minuri tingabar mis-sieheb taghha u mill-buznanna. Darba t-tifla marret ghall-access u bdiet tghajru li kien ghajjur ghas-sieheb t'ommha.

L-omm iddawwar kollox biex ikun tort tal-missier bhal meta l-Minuri waqghet u l-omm qaltilhi waqghet minhabba li kien halliha bil-karkur li kienet bghatitha bih hi stess.

Il-konvenuta bghattet messaggi lill-missier li jew jaccetta jasal fuq ftehim maghha jew kienet ser tiggieled sal-ahhar. L-intimatipprezenta messagg li fih l-omm tammetti li l-minuri aktarx lanqas ssaqsi ghaliha ghsx meta kienet maghha, kienet tispicca tghajjat maghha.

Kien hemm incident meta t-tifla kellha vista l-isptar u spiccaw igebdu fil-ktieb tat tifla li tqatta'. L-omm dawret in-narrattiva li l-missier ma riedx lill-minuri issiefer maghha. It-tifla kienet spiccat haditha kontra missierha.

Lit-tifla bdiet timlilha mohhha li jekk tghum mal-missier kienet se timrad tant li l-minuri bdiet tirrifjuta li tmur mieghu bid-dghajsa.
L-omm riedet li ssiefer mas-sieheb u t-tifla u l-missier irrifjuta ghax kienu ser ikunu fl-istess kamra. Xorta haditha wara li ghamlet rikors u tellghet fuq Facebook ritratt b'messagg fejn qablitu ma' xitan. Wara din is-safra, it tifla bdiet tmur ghall-access tiggieled mieghu biex tqatta' l-hin biss fuq l-iPad. X'hin ipprova jzommilha qaltlu li tobghodu.

Il-missier ihoss li hu eskluz mid-decizjonijiet relatati ma' bintu fejn la ntalab kunsens ghall-attivitajiet extrakurrikulari u lanqas gie nfurmat b'appuntamenti tal-isptar. Anke fuq ix-xoghol tal-iskola ghad-dar, l-omm tiehu kull spunt biex tuzah kontra l-missier.

Hekk kif faqghet il-pandemija tal-COVID 19, il-konvenuta mill-ewwel hadet l-opportunita biex waqfet l-access tal-missier ghaliex skontha kien ta' periklu ghal sahhet it-tifla u dan

minkejja li diversi nies fil-familja tal-konvenuta, kif ukoll is-sieheb taghha, kienu ghadhom qeghdin imorru ghax-xoghol u jiltaqghu mat-tifla. Sar jaf li l-intimata kienet meqjusa bhala persuna vulnerabbli ghaliex kienet tqila mir-rikors li ghamlet. Il-Qorti ddegretat ukoll li kellha tiffacilita access permezz ta' videocalls izda lill-attur hallietu *blocked*.

Jghid illi waqt dawk il-gimghat li fihom ezercita aktar hin ta' access minhabba li kellu jirkupra s-sieghat, ir-relazzjoni tieghu mal-minuri tjiebet.
L-omm anke applikat ghat-tifla biex tidher fuq it-televizjoni u t-tifla ntaghazlet. L-attur oggezzjona ghaliex kienet hadet tali decizjoni minghajr ma kkonsultat mieghu u minhabba li l-impenji ta' dan il-*filming* gew fil-hin tal-access tieghu. Meta kellimha dwar dan, il-konvenuta qaltlu biex "din tal-kunsens aqtahha".
L-attur intavola rikors u annetta mieghu ritratti tal-konverzazzjoni li kellu mat-tifla bil-messaggi. Wara dan, il-kuntatt mat-tifla permezz tal-messaggi kwazi waqaf, jibghatilha u ma twegibx.

L-attur xehed f'affidavit voluminuz li gie debitament mahluf quddiem Nutar nhar l-10 ta' Jannar 2022[2]. Jghid illi kellu relazzjoni tajba hafna mal-konvenuta u rari kienu jiggieldu. Kienet tqala pjanata u kien involut immens b'dan li kien jiehu hsieb jaghmel u jmur ghall-appuntamenti. Jiftakar car il-gurnata li fiha twieldet il-minuri. Minn wara dakinhar baqa' ddedikat hafna lejn it-tifla fejn kien ibiddlilha, jahsilha, jisqieha u jraqqadha. Meta l-konvenuta riedet taghmel korsijiet tad-dwiefer, hu ha hsieb lill-minuri. Jghid illi hu kien jiehu hsieb il-hlasijiet kollha tad-dar u jaghmel il-manutensjoni kif ukoll kien jghaddi tlett mitt euro (€300) ghall-ispejjez tal-hajja lill-konvenuta. Jiftakar li kellhom hajja sabiha flimkien u gawdew ma' xulxin kemm meta kienu jitilghu Ghawdex mal-familji jew kienu jmorru *weekend breaks* ghall-gheluq snin il-konvenuta u anke diversi attivitajiet li kienu jaghmlu bhala familja. Kienu ghaddew minn korriment tat-tieni tqala u l-konvenuta kienet haditha hazin immens pero l-attur taha l-appogg tieghu waqt dan il-perjodu.

F'Lulju 2017 il-minuri kellha bzonn operazzjoni f'idejha. L-attur kien ghamel il-granet maghha l-isptar u wara d-dar. Kien jehodha l-isptar ghal fizjoterapija u jaghmel l-ezercizzji li kienu jtuha maghha. Kien jattendi kull attivita' u gurnata important l-iskola tat-tifla u dejjem ra li jaghmel affarijiet sbieh maghha bhal *crafts*, ix-xoghol tal-iskola, qari, tpingija, imorru bir-roti u jitkelmu.

Jghid illi r-relazzjoni taghhom marret ghall-aghar meta bidlet l-impjieg taghha. Bdiet suppost tahdem fuq bazi *part-time* izda l-hin beda dejjem jitwal. Beda jinnota hafna tibdil fl-apparenza taghha bhat-tattoos. Imbaghad kienet qaltlu li m'ghadhiex thossha l-istess lejh izda li t-tifla tridha maghha. Meta qalilha li hu kien lest inaqqas il-hinijiet tax-xoghol, hija kelmitu hazin u urietu li kienet ser tippikka mieghu. L-argument li bih temmew ir-relazzjoni kien jirrelata mal-hwejjeg li kienet liebsa l-konvenuta ghaliex skont l-attur kienu wisq trasparenti u skullati. Jghid li hu xorta pprova jirranga l-affarijiet bejniethom u anke tkellem ma' omm il-konvenuta biex jara x'ghandu jaghmel. Minkejja dan xorta baqa' jgib rispett u jghin lill-minuri taghmel kartolini lil-ommha u lin-nannietha u lil buznanna taghha.

[2] Vide fol. 610 - 765

Baqa' jipprova jimxi sew maghha fejn anke ghinha bil-karozza meta kellha bzonn. Il-konvenuta bdiet taqla' l-argumenti mieghu bhal fuq *laptop* li riedet tixtri lill-minuri, fuq li kien qed jixtri l-hwejjeg lit-tifla u fuq il-*cupcakes* li kien ipprepara biex it-tifla tehodhom maghha f'gheluq sninha. Meta hadhomla riedet tarmihom ghaliex kienet ghamlithom it-tfajla ta' hu l-attur. Argument iehor li ta' sikwit kien ikollhom kien fuq li kienu jpejpu gewwa meta kienet tkun m'ommha u ghalhekk it-tifla kienet dejjem tispicca fgata.

Kienu ftehmu u organizzaw festin ghall-gheluq snin it-tifla u wara l-konvenuta riedet terga' tirranga r-relazzjoni taghhom. Baqghet tigri warajh u tipprova tibaghat lilu u lill-ommu biex jahfrilha. Ammettiet mieghu illi taf li kienet wegghatu izda li riedet iddawwar l-affarijiet biex jidher hu l-ikrah. L-attur ipprezenta messaggi li juru x-xewqa li l-konvenuta ttemm hajjitha izda hu pprova jinkorraggiha tohrog mis-sitwazzjoni. Ammettiet mieghu bil-messaggi[3] illi kienet tiehu d-drogi u li kienet qed tpejjep il-*joints* ghax kellha bzonn tikkalma.

L-attur jispjega fuq l-incident li fih bint il-partijiet qaltlu li kienet rat is-sieheb ta' nannitha jirrombla sigarett li kien fih trab abjad go fih. Meta kellem lill-konvenuta, din ma cahditx izda qaltlu li sinjal li t-tifla kienet marret hdejh.
L-attur jitkellem fuq meta bint il-partijiet kellha bzonn operazzjoni u nqala' d-dizgwid l-isptar meta l-attur cempel lit-tfajla ta' huh. Dakinhar il-konvenuta ghamlet xenata l-isptar imbaghad harget 'il barra. Gol-basket kien jidher li kellha *joint*. Wara kienu ftehmu li t-tifla tmur ghand in-nanna maternal mhux ghand il-buznanna biex ma tkunx fid-duhhan tas-sigaretti u l-missier ikun jista' jaraha.

Jghid li hu kien jaf ezatt ma' min kienet traditu u cjoe wiehed Karol li kien anke ghamel kuntatt mieghu biex jiskuza ruhu u wara ma' Jurgen Borg fejn bdiet tiehu lill-minuri gewwa Banka tal-Lottu. Jghid illi ma felahx ghall-agir tal-intimata u kif kienet qed taghmel li trid u ghalhekk beda l-proceduri tal-Qorti. Minn dakinhar il-konvenuta bdiet tezebixxa rabja kbira u ddawwar kollox kontrih, bhal li ma xtaqix tbus lit-tifla fuq xoffitha. Kienet qalghet argument ma' missieru barra l-iskola meta ma kellhix ghalfejn tkun hemm, li anke n-neputijiet tieghu kkonfermawlu. Kien hemm darb'ohra fejn it-tifla rrakontatlu li s-sieheb tal-omm kien qalilha biex tghazel li tibda tirrisjedi mal-omm biex din ma toqghodx tibki.

Jghid illi kif bdew il-medjazzjoni kienu diga' bl-arrangament illi t-tifla tkun maz-zewg partijiet f'hinijiet indaqs. FL-ewwel medjazzjoni madanakollu, l-attur hassu mhedded mill-avukat tal-konvenuta li qaltlu li jekk ma jaqbilx, jispicca bi ftit sieghat biss. Bejn is-seduti tal-medjazzjoni, kien mar jigbor lit-tifla izda l-konvenuta kienet harget tghajjat fil-gallarija u ma bghatithix. Kien mar jaghmel rapport l-ghassa izda kienet qaltilhom li kien telaq mill-ewwel. Il-Pulizija kien semgha kollox u kellimha u kienet accettat li tibghat lit-tifla. It-tieni seduta tal-medjazzjoni kienet animata u ghalhekk hass li kellu jaghmel rikors. L-avukat li kellu kien qallu li ma jidhlux provi fl-istadju ta' medjazzjoni u ghalhekk ma kienx dahhal dokumenti biex jissostanzjalizza d-dikjarazzjonijiet tieghu. Din il-Qorti ma kienetx laqghet it-talbiet tieghu permezz ta' digriet tas-6 ta' Dicembru 2018. Dakinhar il-konvenuta kienet

[3] Vide fol. 659

telghet *post* fuq is-sit socjali taghha b'mara taghti subghajha tan-nofs[4].

Fil-Milied 2018, l-attur mar jigbor lit-tifla u l-konvenuta telghet fil-vettura tieghu tipprovokah u tghidlu li minn Jannar bis-sieghat biss kien ser jaraha lit-tifla. Spiccat tigirfu quddiem it-tifla. L-attur ghamel rapport u certifikat dwar dan il-grief. Jghid li kienet intbaghtet kwerela li wara ritra ghax induna li ma kien ser jasal imkien biha.

Jghid li f'Jannar 2019 il-konvenuta ghamlet tmintax (18)-il gurnata shah li thallih jara lit-tifla u lanqas ikellimha. Hu kien staqsa lill-avukat tieghu u kien assigurah li kienx hemm digrieti f'dan is-sens. Kien ipproponilu ftehim li setgha jara lit-tifla jumejn fil-gimgha imma dan kien inaccettabli ghalih. Minn hemm beda jara hafna gideb tal-konvenuta u dokumentazzjoni falza li zgwidaw lil din il-Qorti. Bdew inpenguh bhala bniedem vjolenti u *bully* li ma accettax li kienet telqitu l-konvenuta. It-tifla thalliet tara lill-missierha wara messaggi li skambjat ma' kungintha li kienet qed thoss in-nuqqas tal-membri tal-familja paterna. Lit-tifla kienet qaltilha li hu ma kienx taha s-sieghat li fihom ried jaraha. Minn hemm ghamel prejodu jaraha darba fil-gimgha biss.

Waslet il-gradwazzjoni ta' hu l-attur u l-familja paterna riedu jitilghu l-Irlanda. Minhabba li l-konvenuta bdiet iddawwar fi kliemha, ghamel rikors li gie degretat gurnata biss qabel kellhom jitilqu. Matul il-vjagg ghamel mezz li t-tifla u l-omm zammew kuntatt.
It-tifla kienet ghamlet ukoll profil fuq sit socjali fejn kienet ittella' videos taghha tizfen. L-attur ma hax pjacir u kien kellimha fuqu. Min-naha taghha l-konvenuta kienet ibblukkat lill-missier biex ma jkunx jista' jara. Jezebixxi set ta' messaggi fejn il-konvenuta tittghajjar li qed timpika mieghu fuq it-tifla minhabba li hu dahhalha l-Qorti b'certu arroganza ghaliex din il-Qorti laqghet it-talbiet taghha u naqset l-access minn kif kien qabel[5]. Isemmi illi f'Lulju 2019, il-konvenuta applikat sabiex il-minuri tattendi Skola Sajf minghajr ma talbet ghal firma tal-attur. Meta dawn staqsa fil-laqgha tal-ġenituri, ikkonferma illi l-konvenuta kienet nizlet lis-sieheb taghha bhala persuna li jista' jigbor lill-minuri izda lilu ma kienet nizlitu mkien. Minhabba li l-attur waqqafha, il-konvenuta bdiet tghid lill-minuri li tort tal-attur ma kienetx ser tmur Skola Sajf u li hu kien jghir ghas-sieheb taghha ghaliex dan kien ihobb lit-tifla aktar minnu. F'telefonata li t-tifla kellha ma' missierha fuq l-iskola sajf, il-konvenuta instemghet tghid li l-attur mhux missierha.

L-attur jixhed fuq meta l-konvenuta siefret mal-minuri. Jghid illi hu oggezzjona lit-tifla ssiefer mas-sieheb tal-konvenuta imma din il-Qorti ddegretat mod iehor. Jghid illi hu m'oggezzjonax li jtiha l-passport li kellu tat-tifla imma fuq kundizzjoni li taqbel li tirritornahulu meta tigi lura. Din kienet marret l-ghassa u s-Surgent kien cempillu waqt il-hin tax-xoghol. Kienu ftehmu li kien ser itihulha fil-granet ta' wara, wara li s-Surgent anke kien tkellem mal-avukata tal-konvenuta. Minkejja dan kienu intavoalw rikors b'urgenza fejn l-attur gie ordnat jghaddi l-passport dakinhar stess. Meta kienu nsiefrin, kien icempel lit-tifla kuljum izda kellimha biss f'jumejn. Kien wara minhabba rikors li sar jaf li t-tifla kienet mardet u kienet spiccat rikoverata gewwa sptar fi Franza. Wara din il-vaganza, it-tifla

[4] Vide fol. 676
[5] Vide fol. 695

imbiddlet hafna mal-missier, bdiet tkun arroganti u tirrispondi u theddu li ma jhallihix taghmel li trid, ma kienetx ser tmur aktar ghandu. Dak iz-zmien il-konvenuta tellghet ritratt fuq is-sit socjali taghhom waqt il-btala fejn tindirizza lill-attur b'mod indirett, issejjahlu l-ghadu taghha u x-xitan u tghidlu li kienet ma' familtha[6].

Jghid illi meta kien jinforma lill-konvenuta bil-pjanijiet li kien ghamel ghal mat-tifla kienet taghmilhom hi fil-granet ta' qabel l-access ghalhekk hu tghallem ma jghidilix sabiex ma tharbatlux pjanijiet. Jekk ma jkunx qabel, l-argumenti jigu wara.

Jghid illi fi zmien il-pandemija, il-konvenuta kienet iddecidiet li twaqqaf l-access. Hu kien tkellem mal-psikologa li anke din ma kienetx qablet ghalhekk kien baqa' jmur barra l-bieb. Hemm kien jara xi membri tal-familja tal-konvenuta dehlin u hergin, kif ukoll lis-sieheb taghha. Il-konvenuta ppruvat ddawwar dan billi qaltlu li s-sieheb taghha kien gabilha l-medicina tat-tifla u x-xoghol tal-iskola ghad-dar – affarijiet li skont l-attur setgha hadhomlha hu li kieku qaltlu. Jghid illi l-messaggi li pprezentat il-konvenuta sabiex tiggustifika li kienet ibblukkatu kienu ta' sena qabel u ghalhekk hi kienet qarqet b'din il-Qorti.

Meta l-konvenuta giet biex twelled it-tarbija taghhom, lahqu ftehim li t-tifla tkun mal-attur. Fil-gurnata li dahlet l-isptar riedet li dawk is-sieghat jitnaqsu mill-access kumpensatorju li l-attur kellu minn tal-pandemija altrimenti kienet tippreferi thalliha m'ommha milli mal-attur. Baqghet tinsisti li jitnaqsu s-sieghat inkella li t-tifla tkun m'ommha anke jekk hi kienet se tkun l-isptar u allura t-tifla ma kienetx se tkun maghha[7].

Jghid illi l-konvenuta tibghatlu ritratti ta' medicina minghajr ma tghidlu ghalfejn il-minuri tkun se tehodha, kienet gurnata fejn qaltlu x'kienu qalulha l-isptar imma ma kienetx qaltlu qabel bil-vizta, kif ukoll qabdet u applikat sabiex it-tifla tidher fuq it-televizjoni minghajr ma tkelmet mieghu. Jghid illi minkejja l-allegazzjoni tal-konvenuta li huma joqghod isus warajha (li mhux minnu ghax it-tnejn joqghodu fl-istess rahal), kienet filfatt il-konvenuta li bdiet tibghat mobile mat-tifla li kien jghatiha l-informazzjoni dwar fejn kienu jkunu l-hin kollu.
Jghid illi l-konvenuta anke taghtu struzzjonijiet differenti minn dawk li kien hemm fuq il-kaxxa tal-medicina biex imbaghad ikollha xi tghid quddiem din il-Qorti[8] u wara dawritha kontrih li ma kienx staqsiha. L-attur ma rax il-bzonn li jistaqsiha fuq id-doza meta kien hemm doza miktuba fuq il-kaxxa u hi ma kienetx bghatitlu preskrizzjoni li tghid differenti.
Jghid illi l-konvenuta wkoll qarqet b'din il-Qorti fir-risposta taghha meta talab li t-tifla tmur lura l-iskola u dan ghaliex ipprezentat *assessments* tas-sena precedenti meta t-tifla kienet ghadha tattendi. *Di piu'* dik is-sena mertu tar-rikors, it-tifla kienet tilfet l-*assessments* ta' nofs is-sena u ghalhekk ma setghax jinghad li t-tifla kienet baqghet sejra tajjeb.

Fl-24 t'April 2021, il-konvenuta bghatet messagg lill-attur[9] tinkorla ghax kien halliha hames (5) minuti tistenna lit-tifla gejja mill-access. F'dan il-messagg tghid illi jekk terga' tigri

[6] Vide fol. 698
[7] Vide fol. 713
[8] Vide fo. 725
[9] Vide fol. 739

tnaqqaslu l-istess hin mal-access ta' wara u hadd mill-awtoritajiet ma kien ser iwaqqafha. Minflok tghidlu li tixtieq tkellem lit-tifla, tibghatlu messagg imzewwaq bit-tghajjir lejh[10]. Inqala' argument u sar rapport ghaliex il-konvenuta ppretendiet li fis-7 ta' Gunju 2021, l-attur jigbor lit-tifla fl-istess hin daqs likieku kienet gurnata tal-iskola.

Jghid illi t-tifla kienet talbitu jerga' jixtrilha l-hwejjeg ta' that u meta qalilha li kien diga xtralha u halliethom ghand ommha, it-tifla bdiet issemmilhu li mitejn u hamsin euro (€250) mhumix bizzejjed ghall-erbgha (4) min-nies u li ommha ma tistax tahdem b'zewgt itfal. Dan id-diskors irrepetitu quddiem il-psikologa Ingrid Baldacchino fejn din spjegatilha li kien hemm bzonn li tibda ma taghtix kaz certu affarijiet li kienet qed tisma' ghaliex dawk l-affarijiet kienu l-piz t'ommha u mhux taghha. Il-psikologa kienet kelmitu fuq l-ansjeta' li kien qed johloq ix-xoghol tad-dar u l-attur kien qalilha li mieghu ma jkollhix problema biex tlestih. Kienet il-psikologa stess li qaltlu li l-arrangament li kellhom qabel ta' hin ugwali bejniethom kien jahdem aktar.

Jghid li l-konvenuta tipprova taqla' argumenti fejn ma jkunx hemm lok bhal meta tibghatlu li bghatt l-uniformi bir-riha tal-ikel[11]. Dan jikkontradixxi l-kopji tal-kartolini li ezebixxa li fihom il-konvenuta kienet tfahhru bhala missier ili m'hawnx bhalu u li tapprezza kemm jaghmel maghha u mat-tifla.

1. *Maria Cauana, habiba tal-attur*, (fol. 4 file separat) spjegat illi hi ltaqghet mal-attur fi grupp li jiffoka fuq ir-realta' tal-*parental alienation* peress li kienu ghaddejjin mill-istess sitwazzjoni. Minn hemm saru hbieb. L-attur jitlob hafna l-opinjoni tax-xhud meta jkun qed jixtri l-hwejjeg ghat-tifla jew fuq ix-xoghol tal-iskola tat-tifla, anke peress li x-xhud hija ghalliema. Tghid illi jekk hargu flimkien, haseb ghat-tfal u gab mieghu l-affarijiet ghalhekk tahseb li hu missier idejali. Gieli rat messaggi li rcieva minghand l-omm u taf li din hija omm il-minuri mis-siti socjali taghha.

2. *Isabelle Camilleri, fl-irwol taghha ta' counsellor,* xehedet (fol. 213) li kienet giet ikkuntatjatha biex toffri sapport lill-intimata u kellha sessjoni wahda li l-partijiet kienu attendew flimkien. Sena wara, f'Gunju 2019, kien ikkuntatjaha l-attur. Dan l-ewwel appuntament kien sar ghaliex l-intimata kienet mdejqa hafna wara li kienu temmu r-relazzjoni. It-terapista kienet bghatet messagg lill-partijiet bi tlett (3) numri ta' psikjatri[12]. Lit-terapista kienu qalulha li r-relazzjoni taghhom kienet thassret ghax l-intimata kellha relazzjoni ma' terza persuna. L-uniku thassib li kien tqajjem kien li waqt il-hin tal-access mal-konvenuta, bint il-partijiet kienet qed tithalla ma' omm l-intimata. Meta kien rega' mar wahdu ghandha, l-attur kien qalilha li t-thassib li kellu kien li l-intimata kienet qed tabbuza minn sustanzi. Meta kien reggha mar ghandha, l-attur kien qalilha li t-tifla kienet imbiddlet mieghu u bdiet tghidlu li ma thobbux, li trid tkun m'ommha. Minhabba li din il-bidla saret fi zmien qasir, it-terapista ratha bhala sitwazzjoni ta' *parental alienation.* L-attur kien jesprimi frustrazzjoni li hu kien jikkoopera mal-intimat filwaqt li hi le. L-attur

[10] Vide fol. 743
[11] Vide fol. 754
[12] Vide fol . 236

kien ikun frustrat waqt is-sessjonijiet li hu kien jipprova jaghmel attivitajiet mal-minuri u l-intimata kienet tirrabja biex imbaghad kienet taghmilhom hi wkoll ez. Li jiehdu l-minuri go xi pixxina. Minn dak li kien jghidilha l-attur, it-terapista kkonkludiet li l-minuri kellha *split loyalties*. Hi kienet tara lill-attur bhala missier tajjeb li jara hafna l-bzonnijiet tat-tifla tieghu.

3. Anton Zammit, in rapprezentanza tal-Virtu Ferries Ltd. (fol. 312 et seq.) pprezenta kopja tal-formola li biha l-attur gie registrat fl-impjieg tieghu (fol. 313) f'Lulju 2013, kopja tal-kuntratt tal-impjieg tal-attur (fol. 314) liema kuntratt jistabilixxi li l-attur ikun xoghol matul il-gimgha bejn is-7am u l-4pm bil-possibilta' ta' sahra matul tmiem il-gimgha u fil-festi pubblici. Ezebixxa wkoll sitt (6) *payslips* li juru medja ta' elf u mitejn euro (€1200) bhala s-salarju tal-attur wara t-taxxa[13], rendikont tal-granet ta' ferjat li ha l-attur fis-sena 2013, FS3 tal-attur ghas-sena 2013, rendikont tas-sieghat li l-attur hadem b'sahra, set ta' FS3s tal-attur ghas-snin bejn 2014 – 2019[14], set ta' *payslips* tal-attur ghal perjodu bejn Jannar 2014 - Jannar 2020[15]. Meta din il-Qorti tiehu l-medja tal-introjtu net tal-attur ghas-sena 2019, tara li l-introjtu tieghu zdied ghal madwar elf u tmien mitt euro (€1800) fix-xahar.

4. *Antoine Debono, habib tal-attur*, (fol. 414H), xehed li ilu jaf lill-attur minn meta kienu zghar u jara lill-attur bhala missier ezemplari li ma jhalli lil bintu nieqsa mix-xejn. Jghid illi hu ghandu tifla zghira wkoll u gieli johorgu flimkien. Lit-tifla SHV kien jara aktar dhulija meta l-partijiet kienu flimkien, ilum aktar rizervata.

5. *Joseph Saliba, in rapprezentanza tal-Jobsplus,* ezebixxa document JS1 u JS2;

6. *Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment ghas-Sigurta' Socjali,* (fol. 420 et seq.) ezebixxa document ST1 u ST2;

7. *WPC99 Josette Pace,* ezebiet dokument JP1 sa JP6 (fol. 420 et seq.)

8. *Walter Desira, in rapprezentanza ta' Farm Meat Market Ltd,* ezebixxa document WD1 SA WD5 (fol. 420 et seq.)

9. *Claude De Giorgio, habib tal-attur,* xehed li sar jaf l-attur qisu sentejn qabel u minn hemm bdew johorgu flimkien, anke bit-tfal. Jara lill-attur bhala missier tajjeb mill-mod kif ikellem lit-tifla, li jiehu hsieb l-edukazzjoni taghha, li jqatta' l-hin maghha u jipprova jlaqqaghha ma' tfal ohra. Jghid illi marru *weekend* Kemmuna u kif giet it-tifla kienet qisha bin-nervi izda imbaghad hadet pjacir mat-tfal l-ohra. X'hin giet biex tmur lura, regghet inbidlet – giet arroganti u tirrispondi lill-missierha. Flimkien marru jghumu, jistadu, bir-roti, attivitajiet fil-kampanja, jixtru l-hwejjeg. Fir-residenza tal-attur, jirrisjedu hu u l-minuri biss.

[13] Vide fol. 318 - 323
[14] Vide fol. 336
[15] Vide fol. 342 - 414

10. *Chris Debono habib tal-attur* xehed li kemm-il darba hareg mal-attur u bintu tkun prezenti u l-attur dejjem jara kif jaghmel biex jara lil bintu kuntenta u ferhana. Jekk marru Ghawdex flimkien, il-missier kien assolutament preparat u kellu kollox mieghu – affarijiet biex tinhasel it-tifla, krema kontra x-xemx, *first aid*. Fis-sajf jehodha l-bahar u fuq id-dghajsa, jehodha f'positjiet fejn ikun hemm it-tfal. Jara bidla fl-imgieba tat-tifla meta tkun ghadha gejja jew tkun sejra u fil-hin taghha mal-missier. Meta tkun ferhana, it-tifla ticcajta u tkompli maghhom u tghidlu fejn tkun marret ma' missierha fil-jiem ta' qabel. Peress li jghixu fl-istess rahal, ix-xhud gieli ra lit-tifla meta tkun m'ommha izda f'dawn il-hinijiet it-tifla ddawwar wiccha u ma tkelmux.

11. *Valerie Farrugia eks impjegata ta' Sports Malta* (fol. 461) xehdet illi mis-sena 2017 bint il-partijiet bdiet tattendi ghal lezzjonijiet taz-zfin u l-*hip hop* u ghal dawn il-lezzjonijiet kienu z-zewg genituri li applikaw flimkien. Kienet tattendi b'mod regolari.

12. *L-affidavit ta' PB, kugin l-attur,* li permezz tieghu jichad il-verzjoni tal-konvenuta li hu kellu jaghmel kwarantina u m'ghamilhix meta gie lura minn Sqallija.

13. *MV, hu l-attur* (fol. 624), xehed li lil huh jarah bhala missier idejali li jiddedika hafna mill-hin tieghu u l-ferjat tieghu lit-tifla. Jekk johorgu flimkien, l-attur igorr mieghu dak kollu li jista' jkollha bzonn il-minuri izda l-omm dejjem tara ma xhiex se taqbad biex tikkritikah. Jghid li wara li hassru, kien ra xi messaggi skambjati bejn il-partijiet li kienet konferma li l-konvenuta kienet dahret ghad-droga. Minhabba f'hekk, l-attur kien dahal il-Qorti izda spicca tilef l-arrangament li kellhom li t-tifla taghmel hin ugwali maghhom it-tnejn. Jghid illi kien prezenti ghal drabi fejn il-minuri tkun ghadha gejja ghall-access u tigi bin-nervi u tipprova taqbad argument ma' missierha. Mal-hin it-tifla tibda tiehu gost u tiddeverti ma' missierha. Jaf li l-minuri kienet ghamlet zmien tghix mal-buznanna tal-konvenuta fejn kienet esposta ghal persuna li kien jisker, kif ukoll ghand iz-zija tal-konvenuta fejn kien hemm persuna li kien ipejjep il-*joints*. It-tifla thobb hafna l-bahar u kemm-il darba johorgu bid-dghajsa flimkien izda l-attur ikollu jitlaq qabel biex iwassal lit-tifla lura ghand ommha fil-hin.

14. *SA, s-siehba ta' hu l-attur*, xehdet li hi ilha tafhom minn meta l-partijiet kienu ghadhom f'relazzjoni flimkien. Kienet tara lil KV bhala aktar dedikat bhal meta darba marru ikla tal-Milied, KV kien il-hin kollu mohhu fit-tifla u l-omm diehla u hierga tpejjep. Wara ftit kienu temmew ir-relazzjoni taghhom minhabba li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' haddiehor. Il-konvenuta kienet ghaddiet minn perjodu fejn kienet qed tiehu d-droga izda l-attur xorta ried jghinha. Kien hemm zmien fejn l-konvenuta ma kienetx turi nteress f'bintha u KV kien jinkwieta hafna fuq hekk. Meta beda l-proceduri fil-Qorti, l-omm irvellat, bdiet taghmel hafna rapporti frivoli biex ittellef il-hin tal-missier mat-tifla u nsistiet li jinbidel l-arrangament li kellhom ta' hin ugwali mat-tifla. Fiz-zmien tal-pandemija, l-attur kien jezercita access permezz ta' *videocalls* u x-xhud u membri tal-familja ohra kienu jidhlu biex ikelmuha. Kien hemm drabi fejn it-tifla kienet tkun qed tidhaq u tiehu pjacir tkellimhom u f'daqqa thares lejn il-bieb u taqta'.

15. EV, missier l-attur, (fol. 632), xehed illi meta l-partijiet kienu flimkien, kienu jwasslu lill-minuri kuljum filghodu kmieni ghand ix-xhud. Ix-xhud u martu kienu jlestu lit-tifla ghal kinder jew ghall-iskola u jwassluha flimkien ma' neputija ohra. Wara l-iskola kienu jigbruha, jiehdu hsiebha, jitimghuha u anke jahsluha biex tmur lesta ghand il-ġenituri taghha li kienu jigbruha wara x-xoghol. Qabel temmew ir-relazzjoni, it-tifla bdiet tithalla hafna aktar hin maghhom, anke s-Sibt meta l-konvenuta suppost ma kienetx tahdem. Jghid li hu pprova jzomm relazzjoni tajba mal-konvenuta anke wara li spiccaw bhal per ezempju gieli wassal lin-nannietha lura d-dar bit-tifla biex jiffrankalhom x-xemx. Dan inbidel meta l-konvenuta ghamlet ghalih darba barra l-iskola u spiccaw jitghajru. Jghid illi meta kien hemm l-arrangament li t-tifla tqatta' hin ugwali maz-zewg ġenituri, it-tifla baqghet ghaddejja bl-istess rutina u kienet kuntenta tqatta; l-istess hin maz-zewg ġenituri. Jghid li ra bidla fil-minuri minn meta bdiet tghix aktar m'ommha bhal li tirrispondi lill-missierha u li tmur ghandhom bin-nervi sakemm toqghod. Jghid li l-attur jipprova jaghmel hafna attivitajiet mal-minuri sa jaghmlilha *pool* fis-Sajf biex toqghod tghum.

16. RA, oht l-attur, (fol. 599), xehdet li huha minn dejjem kien kuntent li kien ser isir missier u dejjem wera x-xewqa li jkun missier attiv. Meta kienu ghadhom flimkien kien jippartecipa hafna fit-trobbija bhal jiccekja l-homework, jiksi l-kotba, u jivvinta l-hrug. It-tifla tax-xhud tattendi l-istess skola u ghalhekk kull attivita' li kien ikollhom, ix-xhud u l-attur kienu jmorru flimkien. Kull filghodu, il-partijiet kienu jiehdu lit-tifla ghand il-ġenituri tax-xhud u huma flimkien max-xhud kienu jwassluha l-iskola. Wara li temmew ir-relazzjoni taghhom, ix-xhud rat bidla kbira fil-konvenuta fejn bdiet taghmel affarijiet biex tigbed l-attenzjoni maskili. Ghal din ir-raguni, kienet thalli lit-tifla hafna hin mal-attur u kienet tkun anke max-xhud u mat-tifla taghha. Meta kienu jaqsmu l-hin flimkien, it-tifla baqghet l-istess, kuntenta. Meta l-omm kienet ghamlet zmien ma tibghatix ghall-access, il-minuri kienet bghattet messaggi lit-tifla tax-xhud fuq loghba. Kif indunat l-omm, hasret l-profili kollha biex taqta' l-kuntatt. F'dawn il-messaggi t-tifla kienet qalet li kienet qed thoss in-nuqqas tal-familja paterna imma li ma setghetx tmur tarahom. Tghid li l-omm ma tinvolvix lill-missier fid-decizjonijiet li tkun trid tiehu fuq il-minuri. Jekk il-missier ma jaqbilx, anke l-minuri tibda tehodha kontrih u tuza' lingwagg li zgur ikun gej minghand ommha. Titkellem fuq iz-zmien tal-pandemija, kif l-omm iddecidiet li ma jigix ezercitat l-access izda imbaghad kienu johorgu huma. Tghid illi t-tifla saret tahbi minnhom, tigdeb u anke twahhal hafna f'missierha. Anke li mardet meta kienet imsiefra m'ommha wehlet f'missierha. Tghid illi fil-hin li ghandu tal-access, l-attur jivvinta hafna affarijiet biex it-tifla tiehu gost tant li t-tifla taghha wkoll tkun tippreferi tohrog mieghu milli max-xhud. Ix-xhud konvinta li l-missier jaghmel ix-xoghol tal-iskola mat-tifla ghaliex gieli jcemplulha jekk jehlu.

17. MV, omm l-attur, (fol. 605), xehdet li l-attur minn dejjem kien biezel u ha hsieb il-familja. Kien kuntent immens meta sar jaf li kien ser isir missier u minn dejjem involva ruhhu u kien attiv. Jara x'jaghmel biex jara lit-tifla ferhana bhal li jarmalha *pool* fis-sajf biex jghumu fih. Min-naha l-ohra tiftakar lill-konvenuta dejjem tghajjat mat-tifla ghax iffissata fuq l-indafa. Tghid li darba l-konvenuta kienet qaltilha li mhix kuntenta mal-attur ghax ma kienetx gawdit f'hajjitha. Madanakollu, anke wara li hallew baqghet tiehu lit-tifla

ghandhom kull filghodu. Kienu jiehdu hsieb jippreparawha u jiehduha l-iskola huma u jigbruha u jzommuha ghandhom wara l-iskola. Tiftakar li l-konvenuta kienet ghamlet zmien tmur tibki ghandha ghax riedet li l-attur jahfrilha u jergghu jirrangaw. F'dak iz-zmien kienu jaqsmu l-hin mat-tifla u t-tifla baqghet ghaddejja bir-rutina taghha ghaliex joqghodu vicin ta' xulxin u kienet kuntenta. Tghid illi t-tifla kienet qaltilhom li rat lil certu wiehed Mario jrebbel sigarett bit-trabb abjad go fih u missierha kien affronta lill-ommha fuq dan. Kien beda l-proceduri tal-Qorti ghax kien inkwetat hafna b'dan il-kliem. Minn hemm il-konvenuta haditha b'battalja u ghamlet minn kollox biex tbieghed lill-minuri. Ix-xhud titkellem fuq il-bidla li rat fil-minuri fejn bdiet tmur ghandha bin-nervi u tahtafha u tkun arroganti maghha. Bdiet tuza' kliem li kienet tisma' lill-ommha tghidu. Din l-attitudni ma kienetx hemm meta l-genituri kellhom hin ndaqs. Fiz-zmien meta l-attur kien qed jezercita l-access b'irkupru ghall-hin mitluf waqt il-pandemija, it-tifla kienet marret lura ghan-normal kif jafuha maghhom. Kienu johorgu flimkien bid-dghajsa u kienet titkellem u tilghab max-xhud.

18. <u>*Dr Edward Curmi, fl-irwol tieghu ta' psikologu tal-konvenuta*</u>, (fol. 787A) xehed illi beda jara lill-konvenuta meta kienet ghadha tifla bejn l-10 u t-tnax (12)-il sena minhabba attakki ta' paniku li kien ikollha. Kien jghinha billi jghallimha taffacja s-sitwazzjoni li kienet qed tikkawzalha l-ansjeta'. Jghid illi l-konvenuta gejja minn familja li fiha kien hemm hafna tensjoni u glied u din ikkawzatilha biex lid-dinja taraha bhala perikoluza. Minhabba dan il-fatt hija aktar suxxettibbli biex l-affarijiet tkabbarhom. Peress li kienu qed jargumentaw fuq l-iskola tat-tifla, il-konvenuta ppercepitha bhala theddidha li se johdilha t-tifla. Jghid illi hemm cans li dak li qed thoss il-konvenuta tghaddih lit-tifla, kif ghaddewh il-genituri taghha. Jista' jkun li l-messagg li kien ircieva minghand ommha kien eskalat mill-omm stess ghax anke hi tbati bl-ansjeta'; meta kien ra lill-konvenuta, din ma kellhiex hsibijiet li tnehhi hajjitha.

19. <u>*Janice Azzopardi, in rapprezentanza ta' Farm Meat Market Limited,*</u> ezebixxiet kopja tal-kuntratt tal-impjieg tal-konvenuta[16], kopja ta' tlett (3) *payslips*, hames (5) FS3 u rendikont tal-hinijiet li hadmet ghax-xahar ta' Frar u nofs Marzu tas-sena 2020.

20. <u>*Dr Malcolm Paul Agius Galea, fl-irwol tieghu ta' tabib tal-familja*</u>, xehed (fol. 1042). li jaf lit-tifla sew ghax kemm-il darba trattaha ghal mard kommuni fi tfal. Jghid li kien hemm drabi fejn kellha sintomi ta' ansjeta'. Jghid li bhala tifla, hija tifla ntelligenti hafna u taf titkellem u matura ghall-eta' taghha. Ma jiftakarx li ma jinvista lit-tifla fir-residenza tal-missier izda jaf li t-tifla l-mimmi t'ghajnejh. Minn dejjem kien missier attiv u involut hafna. Kien juri interess waqt il-vizti u jsaqsih. Anke l-omm ghandha relazzjoni tajba hafna mat-tifla li thossha titkellem b'mod liberu maghha. Jghid li t-tifla kien hemm zmien li kellha problemi tan-nifs izda mhux mard kroniku. Kien hemm perjodu wkoll li t-tifla kien qed ikollha numru eccessiv ta' gdim tan-nemmus. Medicini ghan-nifs tahomlha b'konsegwenza ta' xi mard ghax tkun aktar suxxettibbli imma mhux b'mof kroniku. Il-konvenuta kien hemm zmien li kelmitu fuq ansjeta' minhabba l-process tal-Qorti. Jiftakar li kien hemm zmien li fih it-tifla ma ntbaghtitx l-iskola fiz-zmien il-pandemija minhabba

[16] Vide fol. 796

li l-omm kienet fi stat ta' paniku u b'ansjeta' kbira. Jghid illi il-kundizzjoni tan-nifs mhix kundizzjoni ta' asthma kronika ghalkemm gieli l-konvenuta kellha bzonn l-*inhalers*. Jikkonferma li t-tifla tbati minn allergiji imma aktar ma tikber, aktar qed tohrog minnhom.

21. *Nota b'zewg kwereli u set ta' rapporti mal-Pulizija* (fol. 1086 et seq.). Il-kwereli mibghtuha mill-attur kienu sabiex il-Pulizija jinvestigaw lill-omm talli ma baghtitx lit-tifla l-iskola ghal gimgha shiha f'Marzu 2022 u lit-tabiba li rrilaxxat certifikat mediku u l-ohra fuq hebb fuq il-persuna tal-attur. Sar hdax (11)-il rapport relatat mal-access tal-missier jew ghaliex ma jinghatax dan l-access jew ghax inqalghu incidenti u dizgwid fil-hin li jmur iwassal lit-tifla lura fir-residenza tla-omm. Sar rapport fil-konfront tal-missier fuq li jirrekordjha waqt li jkun qed isuq u jghaqqad it-*tires* hekk kif jigi biex jitlaq mir-residenza tal-omm. Sar rapport fuq li l-missier naqas milli jikkoopera biex jghaddi l-passaport tat-tifla lill-omm. Sar rapport fuq nuqqas ta' attendenza tal-iskola tal-minuri. Sar rapport ukoll fuq il-kliem dispregjattiv u t-tghajjir li l-omm tghid lill-missier.

*Il-Verzjoni tal-Konvenuta u l-Provi Mresqa Minnha:*

Il-konvenuta xehdet quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-6 t'Ottubru 2020 (fol. 308) fejn tkelmet fuq l-arrangament tal-access. Tkellmet ukoll fuq ir-rikors tal-missier dwar *parental alienation* fejn cahdet li ggib ruhha b'xi mod biex tbieghed lit-tifla anzi ghaliha kien il-missier u ommu li kienet jippruvaw jinfluwenzaw lit-tifla. Kien hemm zmien fejn it-tifla kienet tirrifjuta li tbus lill-ommha ghaliex kienu jghidulha li ommha marida ghax tmur ma' hafna irgiel.

Sar kontroezami tal-konvenuta waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar 2021[17]. Tghid li lill-attur kien qieghed isegwi l-passi taghha anki meta tkun mat-tifla ghaliex kien qed isegwiha sahansitra anke meta marret ghand in-nanniet tat-tifla l-ohra taghha li kienet tghinha bit-tifla, u ghad barra jaghmilha l-ghassa u jigbed il-videos. Fi zmien il-pandemija, jekk kien ikollu saghtejn access, kien jaghmel saghtejn idoqq wara l-bieb tal-attrici anki jekk it-tifla kienet tibghatlu li mhux sejra minhabba li tghix ma' nies vulnerabbli.

Il-konvenuta tammetti li l-missier kien bblukkat mil-mobile tat-tifla. Tghid li hu lanqas ried li l-minuri jkollha mobile izda insista li kellha tatiha l-mobile taghha minghajr flus fih sabiex tkun tista' sserrah rasha li waslet. Kienet sabet messaggi minghand il-missier lit-tifla fuq loghba fejn kien qed jipprova jgieghlha thossha mdeqja ghaliex kienet mal-omm u ghaliex mhux qed tmur ghandu. Kienet tghidlu li jekk irid ikellimha, kellu icempllha fuq il-mobile

[17] Vide fol. 472

taghha.

Fuq il-post ta’ Facebook, il-konvenuta tghid illi hi ma semmitux b’ismu lill-missier. Min-naha l-ohra tefghet ritratt tat-tifla fil-precett mas-sieheb taghha.

Tghid li kienet inqalghet kwistjoni fuq l-iskola Sajf ghaliex hi kienet niezlet li ser tigborha n-nanna taghha u s-sieheb taghha kien ser iwassal lin-nanna u jwassalhom lura d-dar. Il-missier kien mar ghall-laqgha u qal lil dirigenti tal-iskola li ma kienx ser jaghti l-kunsens tieghu ghal dan. Hi kellha messaggi li lanqas hu ma setgha jigbor lill-minuri u li kien ghalhekk li ser jibghat membri tal-familja tieghu. Fuq mistoqsija tal-Qorti, il-konvenuta kkjarifikat illi l-missier ma ridx jaghti kunsens ghall-gbir tat-tifla, mhux ghall-attendenza taghha fi skola sajf.

Tghid illi meta kellu bzonn isiefer mal-minuri, hi kellha titlaq darbtejn minn fuq ix-xoghol sabiex ikunu jistghu johorgu passaport ghall-minuri. Hi ghamlet dak kollu li kellha bzonn u sussegwentement it-tifla siefret mieghu u hu kien izomm lill-omm aggornata b’dak li kienu qed jaghmlu.

Dak iz-zmien it-tifla ma kienetx qed tmur l-iskola imma kienet l-omm li kienet qed toqghod maghha u tghallimha. Tghid illi fl-applikazzjoni ghall-attivitajiet extra-kurrikulari, hi nizlet isimha biss ghaliex hi biss hadet hsiebhom, waslitha u halset il-mizati.

**Il-Konvenuta xehdet permezz tal-affidavit[18] fejn tghid illi meta harget tqila, marret tghix mal-attur go dik li tiddeskrivi bhala kamra go ghalqa.** Tghid li din il-kamra kien fi **stat pjetuz, b’hafna hmieg u b’ghamara antika u ma taqbilx skont li jkun iddobba l-attur u minghajr affarijiet necessarji bhal bieba tas-*shower*.** Il-konvenuta ghamlet li setghet biex iggibha fi stat abitabbli u flimkien xtraw xi ghamara li kien hemm bzonn.

Tghid illi meta kellhom lit-tifla, kienet xtrat *screen* u *tablet* li wara li telqet hallietha warajha. L-attur irrifjuta li jghaddihomlha jew li jghina tixtri *laptop* biex it-tifla tkun tista’ taghmel il-qari li ttiha l-ghalliema taghha. Tghid illi mill-ircevuti jidher illi l-attur kien xtara *cover* u *screen protector*.

Xehdet illi meta kellha lit-tifla kienet waqfet mix-xoghol u applikat ghall-beneficcji socjali

[18] Vide fol. 1 file separat

ghaliex l-attur qatt ma kien qalilha li lest li jmantni l-familja li kellhom flimkien. L-attur kellu jiffirma fuq din l-applikazzjoni u kieku kien lest li jmantni hu, lanqas biss kien ihalliha tapplika. **Dan ic-cekk tal-beneficcji kienet tonfqu f'xirja tal-ikel ghall-familja**. **Kienet tmur tahsel il-hwejjeg ghand ommha ghax ma kellhomx magna tal-hasil u ssajjar.**

Tghid li kienet tmur tajjeb hafna mal-membri tal-familja tal-attur ghajr ghall-ommu li kienet taqla' hafna nkwiet ma' kulhadd.

Sostniet li l-attur kien jahdem hafna billi kien jizbogh il-karozzi fil-garaxx wara li jigi mill-impjieg tieghu. **Madanakollu flus ghaliha qatt ma taha**. Fl-istess zmien beda jintbaghat fuq xoghol gewwa Sqallija ghal granet shah u dan beda johloq kunflitt bejn il-partijiet ghax il-konvenuta kienet qed tispicca granet shah wahedha. **L-attur kien jippreferi jibqa' jixtri l-karozzi antiki minflok jinvesti f'post ghal familtu. Kien waqt il-proceduri illi nstalla' hajt bejn is-sodda tieghu u dik tat-tifla.**

Il-konvenuta tirrakonta kif darba marret tixghel il-kompjuter ghat-tifla u ndunat li waqt li kien qed jiekol, **l-attur kien qed jara hafna nisa' nofshom gharwenin**. Tghid ukoll illi gara anke li t-tifla kienet qed tuza' l-mobile ta' missierha u **telghet *chat* ma' mara nofsha gharwenin izda l-attur qalilha li dik kienet wahda tiffanzjah.**

Problema ohra li kellu l-attur kienet dik li kien possessiv fuq il-konvenuta bhal li ma riedhiex tahdem. Kienet bdiet tahbi l-hwejjeg li kienet tixtri biex ma tispiccax tigi nterrogatha fuqhom jew biex tevita l-argumenti bejniethom. Tghid illi mhux minnu li l-genituri tal-attur kienu jzommu lit-tifla ta' kuljum qabel u wara l-iskola imma kienet hi li dejjem hadet hsiebha u li kienet taghmel uzu mill-*breakfast club* meta imbaghad kienet regghet bdiet tahdem. Bl-istess mod tghid li mhux minnu li KV kien raqad maghha meta t-tifla kienet l-isptar imma kienet proprju hi u ezebiet messaggi li hi kienet bghatet lill-attur taggornah fuq l-istat tat-tifla[19]. Kienet hi li dejjem ghadet mat-tifla meta din kienet ma tiflahx u haditha ghand it-tobba ghaliex l-attur kien dejjem impenjat jew bl-impjieg tieghu jew bix-xoghol tal-garaxx li kien jaghmel ghan-nies. Tghid li bhalma l-attur semma' li hi kienet ghamlet kors tad-dwiefer, naqas milli jsemmi illi hu kien ghamel kors fuq id-dawl u matul dan il-kors, kienet hi li hadet hsieb il-minuri. Meta bdiet tahdem fuq bazi *full-time,* il-genituri tal-attur kienu offrewlha li jghinuha. Hi kienet tapprezza din l-ghajnuna izda ma kienetx tiehu gost li ghax kienet tkun

[19] Vide fol. 141 - 145

maghhom, kienu jhalluha taghmel li trid u mhux jimxu ma' kif kienet qed tipprova trabbiha hi - bhal per ezempju li jtuha l-hlewwiet jew li tixrob il-luminati.

Il-konvenuta u oht l-attur kellhom arrangement illi oht l-attur twassal lit-tfal il-muzew imbaghad il-konvenuta tigborhom. Darba minnhom ma kellhomx muzew u kienu jafu biss ghax kien hemm karta mal-bieb. Kienet it-tifla li cemplet lill-ommha minn fuq mobile ta' wahda mara ghaliex zitha kienet waslithom u telqet kif nizlu mill-karozza.

Il-konvenuta tghid illi r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti spiccat ghaliex kien inqala' incident fejn hi libset qalziet li m'ghogobx lill-attur. Hi telghet fuq siggu biex tara jekk kienx trasparenti kif kien qal l-attur u dak il-hin l-attur refgha idejh fuqha tant li waqghet minn fuq is-siggu. Dan gara quddiem il-minuri. Peress li hi kienet rat il-vjolenza meta kienet zghira, dak il-hin qabdet u ppakjat u telqet mat-tifla izda ma haditx maghha l-aktar affarijiet sentimentali li kellha ghaliex kienu merfughin taht is-sodda.

Wara li r-relazzjoni taghhom intemmet, il-partijiet kienu jikkomunikaw bejniethom fuq it-tifla u jifthemu ma' min se tkun. Il-konvenuta ezebiet messaggi li waqt il-hin tal-access, il-missier kien ikun xoghol u l-minuri kienet tkun man-nanniet paterni. Infatti anke meta l-attur kien se jkun gurnata Sqallija, hu qal lill-konvenuta biex thalliha ma' ommu[20]. Xorta kienet tibghatha u tibaghat maghha hwejjeg biex ikollha xi tbiddel. Meta kellu gheluq snienu l-attur, il-konvenuta kienet hadet lill-minuri tixtri zarbun biex ittih rigal lill-missierha biex tghallimha li anke jekk mhux flimkien, riedu jibqghu jirrispettawh. Kien l-attur stess li kien baghat jirringrazzjaha.

Il-konvenuta tammetti illi kienet zbaljat ghaliex fl-ahhar xhur tar-relazzjoni taghhom, kellha relazzjonijiet intimi ma' haddiehor izda tghid illi kienet l-attitudni possessiva, is-solitudni, il-hinijiet twal tax-xoghol tal-attur u l-aggressivita' illi biha kien ikellimha li wassluha taghmel dan. Kien iddispjaciha ferm u kien f'dan iz-zmien difficli li kienet esperimentat bid-drogi. Kienu iltaqghu xi drabi biex jaraw jekk setghux jirrangaw u l-attur kien jinsisti li jrid ikun jaf minn kien l-individwu. Fl-ahhar, kienet cediet u qaltlu. Ma jbiddel xejn mill-fatt li dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet ta' bintha u ppruvat taghtiha l-ahjar trobbija. Minn hemm l-attur beda t-triq biex issallabha.

[20] Vide fol. 162 - 166

Fuq l-incident ta' meta bint il-partijiet kienet l-isptar, il-konvenuta tispjega illi suppost dakinhar kellhom ikunu hi u l-missier biss mat-tifla u kien ghalhekk li kienet irrabjat meta marru jzuru lit-tifla ommu u ohtu bit-tifel taghha u aktar tard kienet sejra s-siehba ta' huh. Ghaliha kien car li ghall-attur ma kienx minnu li kien jimpurtah mill-interessi ta' bintu, li ma jesponihix ghal xi mikrobu wara l-operazzjoni. Waqt li kienu hemm, bdew jidihku bejniethom u hasset li kienu qed jghaddu z-zmien biha. Telqet il-barra biex tpejjep u wara saret taf li l-attur u ohtu kienu fitxewlha fil-basket taghha.

Il-konvenuta tghid illi l-*parental alienation* saret minn naha tal-attur u familtu. Issemmi' li kienu joqghodu jghidu lil SHV li l-konvenuta tmur ma' hafna irgiel. Kienet ikkonfrontat lil bintha quddiem il-missier u din ammettiet li kienet gidba izda l-attur mewwitha minghajr ma qalilha xejn lit-tifla. Tghid illi darba kkonfrontat lill-attur li fil-hin tieghu, it-tifla kienet tkun aktar mal-genituri tieghu milli mieghu u minn dakinhar ma kienux ihalluha ccempel biex tkellem lil bintha. Tghid illi l-attur gideb taht gurament meta qal li ma jihux videos ta' bintu ghaliex fil-messaggi kien jghidilha mod iehor. Ezempju iehor huwa meta fis-sena 2018, qabad u lesta l-lista tal-iskola sabiex ikun ghamilha mas-siehba ta' huh minflok halla lill-omm il-minuri taghmilha maghha kif dejjem kienet ghamlet qabel.
Il-konvenuta tghid illi meta kellha ghalxiex thalsu, hi bghatitlu l-flus mat-tifla izda mhux l-istess ghamel hu ghaliex l-ispejjez dejjem jipprova jaqtaghhom ma' xi xiri li jkun ghamel hu. Il-konvenuta tispjega illi l-messagg ta' meta qalet lill-missier illi huwa qieghed hemm ghall-manteniment, sar f'mument ta' rabja ghaliex kien ilu jibghatilha messaggi b'tghajjir. Bl-istess mod, il-konvenuta tichad illi t-tifla tal-partijiet kienet qatt qaltilha li kienet rat lis-sieheb ta' zitha jrembel *joint* u llum tinduna li din kienet biss kongettura tal-attur u tal-familja tieghu ghaliex kienu jafu l-passat tal-imsemmi persuna.

Il-konvenuta tghid illi kien hemm drabi meta l-attur ha l-ewwel okkazjoni sabiex jibghatilha li kellha hwejjeg tat-tifla li jkun xtralha hu ghandha[21]. Izda l-attur ghazel li jipprezenta messagg korrispondenti tal-konvenuta biss biex jizvija lil din il-Qorti. Bl-istess mod, l-attur dahhal *recording* li fih nannitha tinstema' tghidlu biex ma jcempilx aktar ghax hekk kienet qaltilha l-konvenuta. Li ma qalx l-attur huwa kemm kienu ilhom ma jhallux lill-konvenuta tkellem lill-minuri meta din kienet tkun ghall-access maghhom. Bl-istess mod taccenna ghall-ipokrezija ta' l-attur meta xehed fl-affidavit tieghu illi meta giet biex twelled, ippreferiet thalli t-tifla m'ommha milli mieghu ghaliex fil-verita' hu kien ghamel l-istess. F'Novembru 2018

[21] Vide fol. 230)

huwa kien mar ghaxart ijiem Spanja u t-tifla kienet marret normali ghall-access ghand in-nanniet paterni minflok baqghet mal-omm.

Fuq il-kwistjoni tal-libsa tal-precett, il-konvenuta tispjega illi hi riedet timxi mal-ftehim li kienu lehqu f'sessjoni tal-medjazzjoni u cjoe li t-tifla tilbes il-libsa tal-precett tat-tifla ta' oht l-attur, izda li l-istess libsa kellha tghaddi ghand il-konvenuta qabel sabiex tkun tista' taraha fuq it-tifla. Minkejja dan l-ftehim, l-attur beda jirrifjuta li jibghatha ghand il-konvenuta bl-iskuza li kellha xi plastic isfel biex izzomm il-libsa wieqfa, li kienet qed taghmilha difficli li jdahhalha fil-karozza. Wara skambju twil ta' messaggi, il-partijiet dehru li ftehmu. Jumejn qabel il-precett, hadilha l-libsa u kif pruvatha t-tifla ndunat li din kienet qasira ghaliha. Qabadha paniku shih izda s-sieheb taghha hadha ghand ommu u li ziditilha bizzilla fuq barra biex b'hekk ghattietha. Anke l-bolero ta' fuq il-libsa kienet qed tniggiza, u kellha tigi sostitwita.
Wara l-precett ftehmu fuq ir-ritratti. Kien hemm ukoll purcissjoni fejn il-missier qabad it-tifla u beda jghaggel iserrep bejn in-nies. Dakinhar il-konvenuta kienet baqghat tigri warajhom. Tichad illi s-sieheb taghha kien maghha. Kien imbaghad purcissjoni ohra ta' *Corpus Christi* fejn din ma kienetx fil-gurnata tal-access tal-missier u kienet miftuha ghall-pubbliku. Kien ghalhekk li attenda s-sieheb tal-omm.

Il-konvenuta tghid illi fil-Milied tas-sena 2018 huma kellhom diga' digriet illi l-arrangament ta' nofs bin-nofs kien twaqqaf izda wara hafna messaggi minghand l-attur, kienet accettat li dan id-digriet jibdewh minn wara l-festi. Ghalhekk kienet accettat illi l-minuri tmur mal-missier fil-gurnata tal-Milied. Minkejja hafna weghdiet li kien ser ihalliha tkellimha waqt l-access u li kien ser iwassalha lura fil-hin, meta gie biex jigborha beda joffendiha u jkellimha hazin. Hi rikbet mieghu biex tinsisti li jzomm mal-ftehim li kienu lehqu. Hu saq sal-ghassa imma kienet maghluqa u allura saq lura lejn ir-residenza taghha. Hemm hekk ghalaq il-bieba fuqha u hi daret biex tiggieled mieghu. Huma gew fl-idejn u t-tnejn wegghu lil xulxin minkejja li l-attur biss kien mar jaghmel rapport u certifikat.

Wara dakinhar, il-Pulizija kienu qalu lill-konvenuta li ma setghux jghinuha jekk l-attur kellu jiddeciedi li jzomm lit-tifla mieghu minhabba li d-digriet kien jispecifika r-residenza tat-tifla izda mhux il-granet u l-hinijiet tal-access. Ghalhekk il-konvenuta kellha tintavola rikors sabiex titlob li jigu specifikati l-hinijiet tal-access. Sakemm kienet qed tistenna d-digriet tal-Qorti, kienet iddecidiet li ma tibghatx lit-tifla ghall-access u lanqas il-lezzjonijiet tal-Muzew.

Kien mar jibkielha barra l-bieb tad-dar fejn kienet infurmatu li kienet intavolat rikors u sussegwentement mar jigri jintavola rikors huwa wkoll. Madanakollu, biex zgur ma jkunux jistghu jghidu li kienet qed icahhdu mit-tifla, kienet ghajtet lit-tifla biex tghanqu. Fl-ahhar mill-ahhar kienu fthemu li setgha jiehu lit-tifla u hekk gara. L-attur filfatt ha lit-tifla qabel ma rritorna l-affarijiet li kien fadlilha fir-residenza tieghu u ghalhekk mhux minnu li kien jaraha bi tpartit ma' dawn l-oggetti.

Fuq il-kwistjoni ta' skolasajf, il-konvenuta tghid illi hi kienet talbet lill-attur jghaddilha l-karta tal-identita' tieghu izda hu ma kienx ghamel dan. Kienet procediet biex tapplikalha wahidha. Nizzlet lil nannitha u peress li kien offrilha li lin-nannitha kien ser iwassalha hu, kien nizzlet lis-sieheb taghha. Il-missier kien tfacca fil-laqgha li kellhom flimkien m'ohtu. Kien mar ikellem lill-Kap u qalilha li hu ma kienx ta l-kunsens tieghu. Din kienet pruvat tintervjeni billi tghid lill-konvenuta tiffirma hdejn oht l-attur filwaqt li hu kien ser jiffirma ghal nannitha. Xorta eventwalment ma ffirmax u kien kkmanda li tkun omm il-konvenuta li tigbor lill-minuri meta l-omm ma setghetx. Dan holoq inkonvenjent ghall-konvenuta li kellha toqghod titlaq mix-xoghol biex tigbor lill-minuri u tehodha hi ghand nannitha u tirritorna x-xoghol. Tghid illi l-attur ma jaqbilx fil-verzjoni li ta lil din il-Qorti fejn f'risposta kien qal li hu qatt ma kien intalab il-karta tal-identita' filwaqt li fl-affidavit tieghu qal li kien sar jaf bl-iskola sajf mir-rikors tal-konvenuta.

Fuq is-safra f'Parigi, il-konvenuta tghid illi t-tifla kienet differenti ma' missierha ghaliex kienet mugugha u mdejqa ghal fatt li kellha infezzjoni f'widnejha minhabba li l-gurnata ta' qabel ma' siefru, l-attur hadha gurnata bahar. Tant hu hekk illi t-tifla spiccat kellha tmur fi sptar fi Franza biex jarawlha widnejha. Ghalhekk huma tilfu gurnata fil-park ta' *Eurodisney* u ghalhekk mhux minnu li t-tifla ma kelmitx lill-attur ghax kienet fuq ir-*rides*. Dan juri kemm l-attur ittenta jizvija lil din il-Qorti kif ukoll kemm jimxi egoistikament meta ma qadtx attent li l-ghada t-tifla riedet issiefer.

Tghid illi minkejja li mhux minnu li tipprova tnehhih minn hajjet binthom bhal per ezempju meta talbitu jaghmel progett tal-iskola mat-tifla fil-hin tieghu u kienet lesta tibghtlu l-affarijiet kollha necessarji. Hu kien irrisponda li lest jaghmlu imma matul il-gimgha minkejja li matul il-gimgha t-tifla jkollha l-impenji taghha u ma kienitx qed tlahhaq. Min-naha l-ohra l-attur jaghmel minn kollox biex jigbed is-simpatija u meta ma ftehmux fuq il-hin tal-access tal-Milied wara li kien hareg digriet ta' din il-Qorti fuq hekk, kien ghamel *post* fuq sit socjali

fejn ikkumentaw ukoll xhieda tal-istess attur.

Ikun hemm argumenti bejn il-partijiet li facilment jigu evitati kieku mhux ghal pika u l-ksuhat tal-attur bhal per ezempju meta beda jghaqqad ir-roti tal-vettura tieghu u jtajjar iz-zrar lejn il-bieb tal-hgieg tad-dar tan-nanna tal-konvenuta. Dan kollu ghax kien ra lis-sieheb tal-omm diehel maghha. Kienet intavolat rapport bir-ritratti fuq hekk imma l-attur kien cahhad kollox. Fuq iz-zmien tal-pandemija, il-konvenuta tghid illi mhux minnu li ma kienetx thalli lit-tifla titkellem ma' missierha tant li kien ikun hemm telefonati bejniethom anke qabel hareg id-digriet ta' din il-Qorti[22]. Madanakollu, l-attur kien joqghod idejjaq lit-tifla b'hafna mistoqsijiet. Kien joqghod jinsisti maghha biex tmur ghandu u meta tghidlu li ma tistax minhabba n-nies vulnerabbli, kien jghidilha li s-sieheb tal-omm kien imur ghax-xoghol jew biex tmur toqghod mieghu u li hi ma kienetx vulnerabbli. Kienu jispiccaw jargumentaw u t-tifla kienet tkun trid taqta' t-telefonata. Tghid illi l-attur kien jibqa' jmur wara l-bieb taghha u joqghod jigbed il-videos tas-sieheb taghha diehel bix-xirja u taz-zija meta harget mill-bieb biex tixghel il-karozza. Il-familja tieghu gibdu videos tal-konvenuta u t-tifla jekk hargu dawra bir-rota u tan-nannu taghha jekk mar jimxi jew sal-bank. Izda meta zijitha rreagixxiet ghax rat lill-attur jigbed il-video, dan kien pront imur l-ghassa u jressaqha quddiem Qorti tal-Magistrati.

Mhux minnu li hi ppruvat tnehhih minn hajjet binthom fiz-zmien kollu tal-pandemija minkejja li t-tifla ma kienetx qed tmur l-iskola. Il-konvenuta tghid kif it-tifla bdiet tikber u tifhem hi stess. Kien hemm drabi fejn l-attur laqqaghha ma' kugintha li kienet ma tiflahx u wara t-tifla kienet taf li sejra lura f'dar fejn kien hemm tarbija. Kien hemm darba fejn it-tifla ma setghetx tiehu nifs sew minhabba l-allergiji u kif dahlet ghand in-nanniet dlonk libsu l-maskli. It-tifla weggghet b'dawn ir-reazzjonijiet u kien ghalhekk li kienet tippreferi ma tmurx ghall-access.

Fuq il-lezzjonijiet tal-attivitajiet extra-kurrikulari, il-konvenuta tikkjarifika illi dawn kienu gja bdew meta kienu flimkien jew waqt l-arrangament li kellhom nofs bin-nofs. Wara l-konvenuta rrizervat il-lezzjonijiet bl-istess mod. Kien ukoll l-attur li kien jigbor lit-tifla mill-attivita' nhar ta' Erbgha u ghalhekk ma jistax l-attur jghid li ma kienx jaf b'dawn l-attivitajiet biex ma jhallasx. Tghid li ma tistax tifhem kif l-attur jghid quddiem din il-Qorti illi jaghmel kollox fl-interess ta' bintu meta ma kienx ferah li kienet intghazlet li tidher fuq it-televizjoni.

[22] Vide fol. 309-322

Kien qala' d-dizgwid bejniethom minhabba li kienet bghatet video tat-tifla minghajr ma qaltlu u nfurmatu biss meta kienet intghazlet. Kien qala' d-dizgwid meta talbitu sabiex iwassal lit-tifla meta l-filmati nzertaw fil-hin tal-access tieghu. L-attur ippretenda li jekk it-tifla tkun mieghu, l-attrici tmur ghaliha twassalha ghat-televizjoni, tehodha lura ghandu u hu jigi wkoll ikkumpensat bil-hin li jkunu tilfu flimkien. Tghid illi ghalhekk l-access huwa biss sieghat biex ikollu lit-tifla mieghu u mhux biex verament ikun genitur fihom.

In segwitu ghall-affidavit, il-konvenuta kompliet tiddeponi fis-seduta quddiem din il-Qorti tad-19 ta' Jannar 2023. Tghid illi ma tafx bl-ezatt ghal liema spejjez l-attur hallas sehmu u ghal liema ma hallasx ghaliex ihallas ammont bin-nieqes u ma jispjegax kif ikun wasal ghall-ammont li jkun hallas, differenti mill-ammont li tkun bghatitlu l-konvenuta. Problema li nqalghet bejn il-partijiet kienet li minhabba li x-xhud tabib tal-familja kien xehed li t-tifla m'ghandhiex problem ta' sahha kronici, il-missier kien beda jaqbez il-medicina tal-allergija lit-tifla bir-rizultat li t-tifla spiccat mardet u kellha tiehu medicina aktar qawwija. Darb'ohra lit-tifla tal-partijiet bdew jugghawha widnejha u l-attur qattarlha l-medicini biex jghaddulha. Imma imbaghad la nforma lill-omm u lanqas baghat il-qtar mat-tifla biex tkomplihom fil-hin li kienet ser tkun mal-omm bir-rizultat li t-tifla regghet bdew jughuwha.

Il-konvenuta tghid illi jkun hemm appuntamenti medici li l-missier jiehu lit-tifla u jmorru wahedhom ghal dawn l-appuntamenti ghaliex ikunu qrib il-hin tal-access tieghu. Min-naha l-ohra jekk l-appuntamenti jkunu fil-hin tal-omm, xorta jitfacca l-missier u kemm l-omm kif ukoll it-tifla jaghmlu l-appuntament anzjuzi li ser jinqala' d-dizgwid bejn il-partijiet quddiem in-nies. Meta kellha appuntament tal-isptar u l-missier ma marx, ma kienx ghadda l-karta lill-omm li fuqha kellhom jitnizzlu d-dettalji tat-trattament bir-rizultat li holoq skumdita' bla bzonn lill-omm.

Tghid illi t-tifla kienet ghamlet perjodu thossha hazin fuq persuntha u ghalhekk kienet haditha ghand *nutritionist* u ghamlet dieta. Tispecifika li anke membri tal-familja tal-missier kienu qed jaghmlu dieta u jikkumparaw lilhom infushom mat-tifla. Meta t-tifla naqset kif support, il-*nutritionist* tellghet ritratt tat-tifla fuq is-sit socjali taghha. Il-missier kien bghatilha biex tnehhih u hekk kienet se taghmel li kieku l-omm ma nsistitx maghha li thallih ghaliex kienet hi li halset u hadet hsieb kollox u hi kienet kuntenta tara lil bintha kuntenta bil-progress li kienet ghamlet.

Il-konvenuta pprezentat affidavit ulterjuri, debitament mahluf nhar it-8 ta' Marzu 2023[23]. F'dan l-affidavit, il-konvenuta ffukat fuq il-grupp li l-attur huwa membri attiv tieghu. Ezebixxiet nuru ta' ritratti tal-*posts* li dan il-grupp jitfa' fuq is-sit socjali tieghu fejn jehodha qatta' bla habel kontra l-Qorti tal-Familja f'Malta u l-avukati u jpenguhom bhala korrotti u li jaghmlu biss ghal flus. *Posts* ohra jiffukaw u jirridikolaw lill-ommijiet bhala li huma hallelin tal-flus tal-missirijiet u li juzghaw l-istess flus b'mod malizzjuz ghalihom u fid-dehra taghhom. Gew ipprezentati ukoll ritratti minn protesta li dan il-grupp ghamel fil-Belt Valletta u li l-attur attenda ghaliha u zamm kartellun f'idejn. Tikkjarifika illi waqt il-hin tal-protesta, il-missier kellu filfatt l-access u kien ghazel li jhalli lit-tifla m'ohtu biex mar il-protesta b'kartellun li jghid li l-Qorti kienet harbtitlu r-relazzjoni ma' bintu. Il-konvenuta pprezentat kopja ta' *posts* illi ghalkemm jithallew b'mod anonimu, huwa car illi jirreferu ghall-fatti tal-kaz odjern u dan mhux sorpriza meta wiehed iqis illi l-pagna hija mmexxija mill-habib tal-attur li anke xehed f'dawn il-proceduri.

In kontroezami tal-konvenuta, li sar waqt is-seduta ta' nhar it-8 ta' Novembru 2023[24], liema kontroezami aktar iffokka fuq ir-relazzjoni tal-partijiet milli fuq il-meritu ta' din il-kawza.

Sabiex tikkorrobora l-verzjoni taghha, il-konvenuta resqet is-segwenti provi:

1. *<u>Nota b'set ta' dokumenti relatati ma' spejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri bint il-partijiet</u>* (fol. 917 et seq.)
2. *<u>Louis Buhagiar, in rapprezentanza tal-Jobsplus</u>*, (fol. 1145) ezebixxa rendikont tal-impjieg tal-konvenuta li juri li din waqfet tahdem f'Gunju 2020 . Ir-rendikont tal-impjieg tal-attur juri illi l-attur ilu fl-istess impjieg mal-Virtu Ferries Ltd. sa minn Lulju 2013.

3. *<u>Charmaine Psaila Ragi in rapprezentanza ta' APS Bank plc</u>* (fol 1455) ma esebiet ebda document u rapprezentant tal-istess bank kellu jerga jitharrek. Infatti, Patrizia Salerno (a fol 1495) ipprezentat dok APS1A.

4. *<u>Daniel Azzopardi, in rapprezentanza tal-BNF Bank</u>*, (fol. 1496). ezebixxa rendikont ta' kont bankarju ntestat f'isem l-attur li juri kont li fih gew depozitati xi ammonti biex imbaghad jigu trasferiti f'kont iehor b'dan li l-bilanc dejjem jibqa' nul. Oltre minn hekk l-attur kellu kontijiet tan-natura *term deposit accounts* liema kontijiet llum huma kollha

[23] Vide fol. 1510
[24] Vide fol. 1712

maghluqin. Kellu ukoll kontijiet ta' l-istess natura imma miftuha konguntivament ma' bintu SHV liema kontijiet huma wkoll maghluqin.

5. *Vanessa Bonello, in rapprezentanza tal-Lombard Bank*, (fol. 1358) xehdet illi l-attur ma ghandu ebda kont bankarju mal-Lombard Bank.

6. *Johanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c.*, (fol. 1148 et seqq). Ix-xhud ezebixxiet rendikont ta' kont bankarju ntestat f'isem l-attur li juri bilanc minimu li jidher li jintuza' sabiex jixtri minn fuq l-internet u jaghmel xi prenotazzjonijiet. Kont iehor li fih jidhru xi depoziti b'mod regolari izda minghajr spjegazzjoni ghalihom. Kont iehor mal-istess bank li fih jidhol is-salarju tal-attur u li minnu jsir ix-xiri fil-hwienet. Is-salarju tal-attur jidher illi jvarja minn xahar ghall-iehor tant izda jidher li l-medja tieghu huwa dak ta' elf u sitt mitt euro (€1600) fix-xahar.

7. *Lorraine Attard, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta p.l.c* (fol. 1319 et seqq) ipprezentat LA1 u LA2.

8. *Anton Zammit, in rapprezentanza tal-Virtu Ferries Limited*, (fol. 1500). ezebixxa kopja ta' ittra li s-socjeta' kienet baghtet lill-attur sabiex tinfurmah illi kien ser jizdied fil-paga u dan billi kien ser jizdied fl-ammont ta' mitejn u hamsin euro (€250) mal-paga effettiva minn April 2021 u mitt euro (€100) bhala *car allowance*[25]. Gew ezebiti sett ta' ghaxar (10) FS3 tal-attur

9. *Daniela Mangion, in rapprezentanza tal-APS Bank p.l.c.*, (fol. 1620) esebiet dok APS2 sa APS4.

10. *Andrew Xuereb, in rapprezentanza tal-Housing Authority* (fol.1489) ezebixxa kopja ta' applikazzjoni li dahlet f'isem il-konvenuta u s-sieheb taghha sabiex jirrangaw il-fond li fih kienet ser jirrisjedu billi jwaqqghu u jerghu jibnuh u jlestuh fi stat abitabbli.

11. *Dr Ingrid Baldacchino, fl-irwol taghha ta' psikologa li hadmet mat-tifla tal-partijiet*, xehdet (fol. 1589) illi lit-tifla tal-partijiet taraha b'mod regolari, darba jehodha l-missier

[25] Vide fol. 1467

u darba l-omm. It-tifla tidher li ghandha l-istabbilta' u li ghandha relazzjoni tajba ferm maz-zewg genituri. Ikun hemm sitwazzjonijiet li tiehu maghha fis-seduta bhal l-ansjeta' ta' waqt il-pandemija, ansjeta' fuq id-dehra taghha u wkoll dik relatata mal-iskola. It-tifla tfittex lill-genituri taghha b'mod differenti u dan huwa aspett pozittiv fil-psikologija. Tfittex li taghmel l-attivitajiet u tkun kreattiva mal-missier u titkellem b'mod aktar personali mal-omm. Ghandha relazzjoni tajba mar-ragel t'ommha izda taf ukoll li dak mhux il-genitur taghha u tfittex lill-genituri taghha ghall-affarijiet personali taghha. Ix-xhud ikkonfermat illi hi qatt ma rat sinjali ta' *parental alienation* da parti tal-omm fuq it-tifla. Konxja li l-missier ghandu hin ampju mat-tifla u li t-tifla kuntenta ma' missierha. Ghal zmien il-pandemija, ix-xhud ftakret li kien zmien ta' hafna ansjeta' minhabba li kien hemm tarbija gdida fil-familja izda wkoll minhabba li l-omm riedet li t-tifla tibqa' l-hin kollu bil-maskla waqt l-access u dan ma kienx ukoll possibbli. Ix-xhud xehdet kif kellha tintervjeni mal-omm sabiex l-ansjeta' taghha ma thallijix tghaddi fuq it-tifla imma tiehu hsiebha 'il boghod mit-tifla. Xehdet li mal-missier tkelmet sabiex ma jattribwixxix aggettivi lit-tifla minhabba li t-tifla hija sensittiva. Filfatt lit-tifla, il-partijiet kienu qed jimluha bl-ansjeta' fil-hin li tifla tghaddi minn genitur ghall-iehor ghaliex it-tnejn kienu jimpika sal-inqas minuta fuq il-hin tal-gbir tat-tifla u mhux ikunu prattici. Tghid illi rat kambjament kbir anke fil-kunfidenza tat-tifla wara li din tilfet il-piz u nehhiet il-pil ta' saqajha u dan ghaliex l-omm semghetha u ghamlet dak li xtaqet it-tifla. Bhala genituri, iz-zewg genituri juru hiliet tajbin lejn it-tifla izda l-pika ta' bejniethom toskura kollox ghalhekk likieku jnaqqsu l-piki, it-tifla tiffjorixxi.

12. *Daniela Mangion, in rapprezentanza tal-APS Bank* (fol. 1620) ezebiet records dwar *Ethical Fund Class* li l-partijiet kienu fethu kongintivament f'Jannar 2017. Il-partijiet investew is-somma ta' elfejn u hamsin euro (€2050) sabiex xtraw elf seba' mija u hamsin (1750)-il iSHVa.

13. *Surgent Ruben Pace, l-ghassa tar-Rahal Gdid*, ezebixxa rapport maghmul f'Awwissu 2019 mill-konvenuta gewwa l-ghassa tal-Belta fuq il-fatt illi kienet biex taghmel passport ghal bintha peress li kienet ser tehodha Franza fil-granet ta' wara u l-ufficcju tal-passaport ma setghux jimxu fuq id-digriet ta' din il-Qorti stante li kien hemm passaport ezistenti u validu tat-tifla. Meta sar kuntatt mal-attur, huwa kien qal lill-Pulizija illi hu ma kienx gie obbligat illi jrid jaghti l-passaport lill-konvenuta.

*Konsiderazzjonijiet:*

***Dwar Kura u Kustodja u l-Access***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'kull kaz li si tratta tat-tfal minuri, ghandu jipprevali fuq kollox il-kuncett ta' ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [26] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[27] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[28]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[29] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

[26] Enfazi tal-Qorti.
[27] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[28] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[29] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[30]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[31]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[32]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-**Qorti tal-Appell** (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the Court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

---

[30] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[31] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[32] Enfazi tal-Qorti.

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-**Qorti tal-Appell** fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.***[33] ***Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Fl-istess sentenza hawn fuq citata, il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija:

> tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala Sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom.

Dan l-insenjament kompla gie elaborate fis-sentenza  Scott Schembri vs Dorianne Polidano deciza minn din il_Qorti nhar it-30 t'April 2015, fejn il-Qorti sahqet illi:

> Filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin lu l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri.

[33] Enfazi tal-Qorti.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti tirrikonoxxi illi f'dawn il-proceduri rrizulta ampjament illi z-zewg genituri partijiet ihobbu lil binthom, jaghmlu l-ghalmu taghhom sabiex jippartecipaw fit-trobbija u sabiex jaghtu l-ahjar lil binthom. Dan kollu izda qed jisfa fix-xejn kawza tal-pika estrema li hemm bejn il-partijiet u li gejja min-naha taz-zewg kontendenti u li dawret it-trobbija ta' din il-minuri f'kompetizzjoni ta' min hu l-ahjar genitur biz-zamma ta' rendikont u rekord ta' kollox bil-genituri jitghajru fuq lanqas haga. Il-partijiet jiehdu kull spunt u kull okkazjoni biex jitghajru u jaqilghu d-dizgwid minflok illi jfittxu li jikkomunikaw civilment ghall-beneficcju tal-wild. Donnu ghadu m'ghaddiex bizzejjed zmien sabiex il-partijiet jindunaw illi l-minuri kull darba illi tkun xhud ghal din il-pika esagerata tisfa trawmatizzata u ssir anzjuza kull darba li tinqabad bejn iz-zewg genituri. Din il-pika estrema anke tawlet dawn il-proceduri inutilment tant li hadu x-xehta ta' separazzjoni personali aktar milli proceduri ta' kura u kustodja, bi provi voluminuzi fuq ir-relazzjoni tal-partijiet.

Din il-Qorti rat kif l-omm qieghda tiddedika hajjitha ghat-trobbija ta' wliedha u tiehu hsieb kull aspett tal-izvilupp tal-minuri SHV, inkluz li din il-minuri tkun kuntenta bid-dehra taghha. Min-naha l-ohra din il-Qorti ma tistax tinjora l-attitudni pessima li wriet il-konvenuta meta tellghet post u ritratt fuq is-sit socjali taghha tghajjar lill-attur bhala l-ghadu taghha. Ghalxejn tipprova tinheba wara l-fatt li ma semmitux b'ismu ghaliex kulhadd fehem dak li riedet tghid. L-istess jinghad ghall-messagg intiz biss biex jipprovoka u jweggha li baghatet lill-missier illi hu qieghed hemm biss ghall-manteniment u wara ggib il-provi hi stess illi hemm grupp li jtella' *posts* kemm hawn ommijiet li juzghu l-manteniment b'mod hazin. Din hija attitudni li din il-Qorti tikkundanna bla rizervi. L-istess irid jinghad ghal-messaggi bit-tghajjir u kliem vulgari li ma jwassal ghal xejn aktar milli inkwiet bejn il-partijiet, pika u fl-ahhar mill-ahhar ansjeta' fuq il-bint. Ta' min isemmi wkoll meta xhedet fuq li l-missier ihalliha tistenna hames minuti meta jwassal lit-tifla lura mill-access jew meta ma nfurmatux lill-missier b-appuntament tal-isptar ghaliex kien ser ikun fil-hin taghha u anke meta bblukatu mill-mobile tat-tifla ghax ma kienx xtrah hu. Bla tlaqliq jinghad illi lanqas ghamlet sew il-konvenuta li nizzlet lis-sieheb taghha (llum ir-ragel) fuq l-applikazzjoni tal-iskola sajf u lanqas biss tkelmet jew infurmat lill-missier. Fl-ebda punt ma jista' r-ragel taghha jagixxi minflok il-missier specjalment meta l-missier huwa wiehed attiv u jippartecipa u jsegwi kollox fit-trobbija tat-tifla.

Min-naha l-ohra din il-Qorti rat illi l-missier ressaq l-allegazzjoni repetuti ta' *parental alienation* meta dan ma kienx il-kaz u meta hu kellu hin ampju mat-tifla matul it-trapass taz-zmien kollu ghajr ghal perjodu qasir ta' waqt il-pandemija li kienet cirkostanza straordinarja ghal kulhadd u bla precedent – **liema hin mitluf ukoll gie kumpensat.** Il-Qorti tara kemm il-missier jaghmel attivitajiet varji mal-minuri waqt il-hin tal-access tieghu madanakollu issa li l-minuri qed tikber u l-impenn taghha ghall-istudji wkoll kiber, l-attur irid jifhem illi l-impenji taghha huma *parti essenzjali mill-hajja taghha.* Li tkun genitur ifisser li taghmel dak kollu li hemm bzonn fil-hin tieghek inkluz xoghol tal-iskola u studju u anke li twassal jew tigbor lill-minuri mill-impenji taghha. Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-attur illi fil-hin tal-access tieghu l-minuri m'ghandiex ikollha attivitajiet estrakurrikulari ghax inkella ma jkollux hin ta' kwalita'. Hin ta' kwalita' taghmlu f'kull post u f'kull hin, anke gol-vettura fit-traffik jekk tkun trid, ghaliex tkun sitwazzjoni idejali fejn tidhol f'konversazzjoni sinifikanti mal-minuri. Issir referenza ghal meta l-missier ippretenda li l-omm tigbor lill-minuri mill-access tieghu, tehodha ghall-*filming* u twassalha lura ghandu u *di piu'* jigi kkumpensat ghal hin mitluf. Din hija pretensjoni irrizorja ghaliex l-access irid jinkorpora kull impenn tal-minuri specjalment meta tkun okkazzjoni fejn il-minuri hadet pjacir biha.

Din il-Qorti tara n-numru ezorbitanti ta' rikorsi li ressaq l-attur jitlob aktar u aktar access b'nuqqas ta' konsiderazzjoni li din it-tifla trid hin ukoll ma' ommha. Kif semmiet diga' din il-Qorti, **il-pika tal-attur u l-bzonn li jkun kontinwament f'kontroll u l-ossessjoni tieghu** harget cara f'diversi okkazzjonijiet bhal meta ma tax il-karta tal-isptar lill-intimata ghalkemm ma kienx ser jiehu lit-tifla hu tant li holoq skumdita' lill-omm quddiem it-tifla; bhal meta ried jghaddi l-passaport tat-tifla fl-ahhar gurnata qabel il-btala ghaliex hekk kien gara fil-kaz tieghu; bhal meta rrifjuta li jghaddi l-libsa tal-precett qabel sabiex l-omm tara kif tigi fuq bintha.

Din il-Qorti qiset ukoll l-attitudni arroganti tal-attur fejn warrab lill-psikologa Ingrid Baldacchino mahtura minn din il-Qorti u waqaf jaghti sehmu billi naqas li jwassal lill-minuri u jhallas ghal sessjoni wahda kull hmistax, wara li l-istess psikologa cahdet it-tezi tieghu li kien hemm xi forma ta' *parental alienation.* Il-missier m'gharafx illi t-terapija halliet il-frott, (forsi mhux dak li ried hu), u li t-tifla fit-terapija ghandha spazju fejn tista' tikkomunika minghajr ma thossha illi ser tiddizappunta lil xi wiehed mill-genituri. F'din it-trobbija fejn il-wild maqbuda bejn zewg genituri, bejn zewg realtajiet u issa bix-xewqat u l-identita' taghha,

aktar hemm bzonn tat-terapija.

Fid-dawl tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz fejn il-pika estrema u interminabbli tal-kontendenti li in principio ma jaqblu fuq xejn fejn tidhol it-tifla, anzi jaghmlu hilithom sabiex jaghmlu sabotagg tal-pjanijiet tal-kontro-parti, tqis li fl-ahajr interess tal-minuri, ghandha tafda l-kura u kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn l-Omm u dan unikament bil-hsieb li tnaqqas l-okkazjonijiet ta' litigji bejn il-partijiet bit-trawma konsegwenti fuq it-tifla. Il-Qorti tqis illi l-Omm dejjem hadet hsieb l-aspetti kollha tat-trobbija tal-minuri u ghalhekk qed tafdalha din ir-responsabbilta. **<u>Din hija responsabbilta' u mhux poter!</u>** Il-konvenuta omm xorta wahda trid tibqa' zzomm lill-missier aggornat u nfurmat minn qabel bid-decizjonijiet taghha Taghmilha cara illi l-missier dejjem jiehu precedenza fuq kull membru iehor tal-familja jew fuq terz. Inoltre, l-omm ghandha tara illi tiehu hsieb l-ansjeta' taghha b'mod indipendenti mit-tifla sabiex kemm jista' jkun ma tesponijhiex ghaliha.

Din il-Qorti tfakkar illi ghalkemm hija qieghda tafda l-kura u kustodja esklussivament f'idejn l-omm, il-missier xorta wahda jirritjeni s-setgha tieghu ta' genitur u ghalhekk decizjonijiet straordinarji xorta wahda jirrikjedu l-kunsens, il-firma u jew l-awtorizzazzjoni tal-missier jew fin-nuqqas, ta' din il-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti taghmilha cara illi fejn jidhol safar, l-omm xorta tehtieg l-awtorizzazzjoni tal-missier jew ta' din il-Qorti. Bl-istess mod, il-missier jista' jitlob li din il-Qorti tawtorizza safar tieghu mal-minuri anke jekk l-omm tkun cahdet il-kunsens taghha.

Fl-ahharnett fuq dan il-punt, il-Qorti qieset ir-rakkomandazzjonijiet tal-psikologa Ingrid Baldacchino izda ma taqbilx mal-ahhar sett li ghamlet f'Ottubru 2024 u cjoe meta rrakkomandat illi l-partijiet imorru lura ghal hin ugwali mat-tifla meta fl-istess rapport il-psikologa kitbet li l-minuri mhix tmur tajjeb kif kienet tmur qabel ma' missierha u l-familja tieghu. Din il-Qorti, fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, ma tqis li ghandha tqieghed lill-minuri f'sitwazzjoni ta' aktar kunflitt billi tipprovdi hin ugwali bejn il-genituri. Kull darba li jinqala' dizgwid bejn il-genituri, dan ghandu konsegwenzi pessimi fuq it-tifla. Ghalhekk, il-Qorti qieset l-interessi ta' SHV fuq dawk tal-kontendenti involuti ghaliex l-interessi taghha huma supremi.

Dwar l-access, din il-Qorti rat id-diversi digrieti precedenti moghtija minnha. Din il-Qorti tara illi l-missier igawdi minn access ampju. Min-naha l-ohra tara kif dan l-istess access jista'

jaffetwa l-istudji tal-minuri. Din il-Qorti tara illi l-minuri issa wasslet fis-sekondarja u zdiedulha s-suggetti. Minn hawn u ftit snin ohra tibda l-preparazzjoni ghall-ezamijiet tal-Matrikola u ghalhekk din il-minuri tehtieg stabbilta'. Nuqqas fil-hin minhabba l-istudji ma jfissirx nuqqas fir-relazzjoni mal-genitur ghaliex hija l-kwalita' tal-hin u mhux il-kwantita' li tghodd. Ghal din ir-raguni, din il-Qorti qieghda tiffissa modalita' ta' access ghal waqt il-perjodu tal-iskola u modalita' ta' access ghal waqt il-vaganzi tas-sajf. Tajjeb li wiehed izomm f'mohhu illi l-vaganzi tal-Milied u tal-Ghid xorta jaqghu fil-perjodu tal-iskola u generalment it-tfal xorta jinghataw xoghol ghad-dar, progetti u studju x'jaghmlu. Irid ikun hemm bilanc u dejjem l-interess suprem tat-tifla ghandu jittiehed bhala l-fattur determinant. Mill-provi prodotti din il-Qorti konvinta li l-minuri tiehu l-edukazzjoni taghha bis-serjeta' ghalhekk thoss illi jkun ta' xkiel ghaliha li din il-Qorti tipprovdi access ampju waqt il-vaganzi tal-Milied u tal-Ghid biex imbaghad il-minuri tispicca b'aktar ansjeta' ghaliex trid taghmel aktar xoghol f'anqas hin. Importanti li l-hin tal-access jitqatta' mat-tifla in konsonanza ma l-impenji taghha.

**Fir-rigward il-manteniment ghall-ulied**

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu***

***xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-Istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ **Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John** (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull***

> ***wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Fil-kaz odjern, din il-Qorti rat illi hafna mid-dizgwid ta' bejn il-partijiet kien kawzat minhabba il-finanzi, jew il-manteniment jew fuq l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni dovuti. Min- naha wahda tara illi l-omm tfittex sal-inqas centezmu tal-euro mal-missier anke jekk qed jithallas manteniment. Min-naha l-ohra din il-Qorti tara n-nuqqas ta' maturita' meta l-missier hallas ammont inqas minn dak mitlub u naqas milli jikkoopera u jaghti spjegazzjoni kif wasal ghal dak l-ammont. Huma dawn l-attitudnijiet li taw in-nar ghal aktar littigji u piki.

Din il-Qorti rat ir-rezistenza tal-missier u l-hsieb tieghu li jqis il-manteniment bhala serq. Kemm-il darba jkun hemm abbuz, dan jista' jinghad izda fil-kaz odjern dan ma jirrizultax. Minkejja l-kumment tat-tifla li l-manteniment irid jghejjex erba' min-nies, dan il-kumment irrizulta li kien wiehed inveritier. Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-manteniment jithallas bhala kontribuzzjoni ghat-trobbija tal-wild. Ghaliex il-wild tiekel mal-attur fil-hin tal-access, ma jfissirx li l-omm mhix tixtri u tonfoq ghat-trobbija tal-wild, tixtrilha l-bzonnijiet taghha, tonfoq biex fir-residenza primarja taghha tkun komda u sabiex l-iskola ma tkunx inqas minn haddiehor. Huwa minnu illi z-zewg genituri jridu jikkontribwixxu skont il-mezzi taghhom izda ma jirrizultax mill-provi ampji li dan mhux il-kaz.

Din il-Qorti qieset illi l-missier jixtri hafna hwejjeg, accessorji u rizorsi ghat-tifla u din hija xi haga sabiha. Madanakollu dan qed jaghmlu ghaliex jinsab f'pozizzjoni finanzjarjament tajba bizzejjed li tippermettielu li jaghmel dan u issir b'ghazla tieghu. Huwa veru wkoll li dan isir biex iferrah it-tifla u jista' jkun illi jsir biex l-attur jirbah l-affezzjoni taghha wkoll. Din

il-Qorti tavza lill-ġenituri illi t-tfal l-attenzjoni u l-imħabba li għandhom bżonn u mhux l-affarijiet materjali esaġerati. Ma tistax din il-Qorti ma tordnax illi l-missier iħallas għall-affarijiet bżonnjużi u bażiċi għaliex hu qiegħed jixtri ħafna ħwejjeġ u accessorji lit-tifla. Għalhekk din il-Qorti tgħaddi sabiex tikkonferma l-manteniment kif qed jitħallas u cjoe fil-preżent mitejn u tmenin euro (Eur280) fix-xahar li jitħallas direttament mis-salarju tal-missier. Kemm-il darba l-missier ibiddel l-impjieg tiegħu, din l-obbligazzjoni tkun turbot fuq id-diriġenti tas-soċjeta' fejn imur jaħdem.

Madanakollu, din il-Qorti trid tassigura li kemm jista' jkun, tonqos il-pika sfrenata bejn il-partijiet u dana fl-aħjar interess u għal benessere ta' SHV. Meta tikkunsidra li ħafna mid-dizgwid jinqala' fuq sehem l-attur mill-ispejjeż tas-saħħa u cjoe x-xiri tal-mediċini, tal-iskola għaliex l-attur jagħmel ix-xiri tal-lista tal-iskola għalih, u tal-attivitajiet extra-kurrikulari għax ma jkunux fthemu qabel jew għax ikun fil-ħin tal-access, din il-Qorti tqis li għandha tiffissa sehem l-attur *arbitrio boni viri* għall-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u extra-kurrikulari. Din id-direzzjoni qed tittieħed sabiex il-ġenituri jkunu jafu x'inhu u x'mhux mistenni minnhom u cjoe illi l-missier ser ikun qed iħallas manteniment u sehemu mill-ispejjeż kull xahar u għalhekk l-omm trid tqassam u tkopri l-ispejjeż, tiegħu hsieb tħallas fiżikament għall-ispejjeż kollha **<u>u tiegħu hsieb li tibgħat il-bżonnijiet mal-minuri għall-access</u>** – kemm jekk hija mediċina kif ukoll jekk huma riżorsi għall-iskola jew l-attivitajiet tal-minuri. Il-missier importanti li jieħu hsieb **jirritorna** dawn il-mediċini u affarijiet skolastiċi u kemm-il darba jinsa jwassalhom lura, ikun fid-dmir tiegħu illi jieħu triq oħra u jwassalhom għand l-omm mingħajr problemi żejda. Min-naħa l-oħra, lanqas ifisser illi minn issa 'l quddiem il-missier ma jixtrix lanqas ħwejjeġ bażilari għat-tifla. Din il-Qorti tissolleċita liż-żewġ partijiet sabiex jimxu b'mod matur u jikkoperaw aktar bejniethom u jibqgħu jinvestu kemm fil-ħin tagħhom mat-tifla kif ukoll fir-relazzjoni tagħhom mat-tifla. Jekk il-missier kien jixtri riżorsi biex fil-ħin tiegħu jagħmel attivitajiet sbieħ mal-minuri, din il-Qorti tissolleċitah jibqa' jagħmel l-istess u mhux jieqaf għax issa qed iħallas manteniment u sehemu mill-ispejjeż, kemm-il darba dan kien qed jagħmlu ġenwinament u mhux għar-ritratti għall-provi. Inoltre ma jfissirx illi għax mhux ser ikun qed iħallas hu, ma jagħtix sehemu fiżikament, eżempju din il-Qorti tippretendi illi jerġa' jibda jwassal lill-minuri għas-sessjoni tat-terapija meta jkun imiss lilu u l-omm tħallas b'mod remot. Anke jekk it-tifla tinzerta ma tiflaħx meta tkun miegħu, il-missier għandu jara li jeħodha għand tabib anke jekk il-miżata tat-tabib titħallas minnu u jiġi reimbursat wara mill-omm. Dan ifisser li tkun ġenitur responsabbli.

Fl-ahharnett, ghalkemm din il-Qorti qed tordna illi l-missier jibda jhallas manteniment f'ammont aktar sabiex ikopri sehemu mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u extra-kurrikulari u terapija, din il-Qorti taghmilha cara illi dan l-ammont **jeskludi spejjez straordinarji** bhal grizma tat-tifla, xi opportunita' bhal safra mal-iskola, xi trattament straordinarju bhal per ezempju *dental braces* jew kemm-il darba l-minuri jkollha bzonn tbiddel l-iskola. F'dawn ic-cirkostanza straordinarji, l-omm ghandha zzomm rendikont separat ta' dawn l-ispejjez u dawn l-ispejjez jithalsu nofs bin-nofs u ghalhekk il-missier ikun qed ihallas dak in-nofs li jmiss lilu addizjonalment mal-ammont ordnat ihallas ta' kull xahar.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tichad l-ewwel talba;**
2. **Tichad it-tieni talba;**
3. **Tichad it-tielet talba;**
4. **Tilqa' r-raba' talba u tiffissa s-segwenti access tal-minuri ghall-missier:**
    a. **Waqt il-Perjodu Skolastiku:**
    **Kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha tingabar mill-iskola jew mill-waqfa taghha tat-trasport mil-Missier u titwassal lura fir-residenza tal-Omm mill-Missier fis-7.30pm;**
    ***Sleepover* fi tmiem il-gimgha b'mod alternatl gimgha mill-Gimgha fis-6pm sas-Sibt fis-6pm, u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-6pm sal-Hadd fis-6pm;**

    b. **Waqt il-Vaganzi tas-Sajf (Lulju, Awissu, Settembru):**
    ***Sleepover* mit-Tlieta wara skola sajf jekk tattendi jew mis-2.30pm jekk ma tattendix sal-Erbgha fis-7pm;**
    **L-ewwel zewg weekends tax-xahar: *Sleepover* fi tmiem il-gimgha b'mod alternatl gimgha mill-Gimgha fis-6pm sas-Sibt fis-6pm, u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-6pm sal-Hadd fis-6pm;**
    **It-tielet weekend tax-xahar: *weekend* shih mill-Gimgha fis-6pm sal-Hadd fis-6pm.**
    **Ir-raba' *weekend* tax-xahar: ma jkunx hemm access**

    c. **Waqt il-Vaganzi tal-Milied:**

**B'mod alternanti, sena Jum il-Milied mis-2.30pm sas-26 ta' Dicembru fis-2.30pm u s-sena ta' wara fl-Ewwel tas-Sena fis-2.30pm sat-2 ta' Jannar fis-2.30pm. Fl-istess granet ma jigix ezercitat l-access normali tal-missier jekk normalment tkun gurnata tal-access.**

d. **Waqt il-Vaganzi tal-Ghid:**

**B'mod alternanti, l-ewwel sena l-access ikun fil-gurnata tal-Gimgha l-Kbira mid-9am sas-7.30pm u s-sena ta' wara l-access ikun fil-gurnata tal-Ghid mid-9am sas-7.30pm. Inoltre, f'wahda mill-*weekends* tal-vaganzi tal-Ghid, ghandu jkun hemm access ta' *weekend* shih u cjoe mill-Gimgha mis-6pm sal-Hadd fis-6pm. Il-partijiet ghandhom jifthemu minn xahar qabel liema *weekend* il-minuri ser tkun qed tqatta' mal-missier;**

e. **Festi Pubblici:**

**Access b'mod alternanti, b'l-ewwel festa li jmiss, l-access tal-minuri tkun mal-missier, li ghandu jigborha fid-9am u jwassalha fis-7.30pm. It-tieni festa li jmiss il-minuri tibqa' mal-omm u dan jibqa jalterna ghall-festi pubblici;**

f. **Okkazjonijiet:**

**Meta tasal *Mothers' Day,* l-*sleepover* ghandha tkun bejn il-Gimgha u s-Sibt indipendentement minn kif ikun imiss u dan b'sostituzzjoni mhux addizjoni;**

**Meta tasal *Fathers' Day,* l-isleepover ghandha tkun bejn is-Sibt u l-Hadd indipendentement minn kif ikun imiss u dan b'sostituzzjoni mhux addizjoni;**

**F'gheluq snin il-minuri, il-missier ikollu access (jekk ma tkunx gurnata tieghu) ta' siegha u nofs sakemm dan ma jahbatx waqt l-ezamijiet tal-ahhar tal-minuri. Jekk tkun gurnata tal-access, il-missier ghandu jwassal lill-minuri lura fis-6pm minflok fis-7.30pm minghajr sostituzzjoni.**

5. **Tilqa' l-hames talba u tordna illi l-attur ihallas manteniment ta' erba' mitt euro (€400) ghall-minuri SHV u dan sakemm l-istess taghlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha fuq bazi full time u**

**konsegwentement tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda kull sena biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Dan l-ammont jinkludi fih nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri salv ghal spejjez ta' natura straordinarja;**

6. **Tichad is-sitt talba;**
7. **Tichad is-seba' talba;**
8. **Tichad it-tmien talba;**
9. **Tichad id-disa' talba;**

**Ghall-istess motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kontrotalba billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba, tafda l-kura u l-kustodja tal-bint minuri SHV esklussivament f'idejn ir-rikonvenzjonata omm, b'dan illi l-Minuri tirrisjedi mal-Omm li tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-istess minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport u t-tigdid tieghu, esklussivament minnha minghajr htiega tal-firma tal-attur, b'riserva ghal-safar tal-minuri u bdil tal-iskola tal-minuri li ghalihom jehtieg il-firma tal-missier;**

2. **Tilqa' it-tieni talba u tillikwida u tiffissa manteniment ghall-Minuri fl-ammont ta' erba' mitt euro (€400) u dan sakemm l-istess taghlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena (23) jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda anwali biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Dan l-ammont jinkludi fih nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri salv ghal spejjez ta' natura straordinarja;**

3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna illi tali manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-attur rikonvenzjont jew direttament mis-servizzi s-socjali li huwa jista' jkun qed jippercepixxi fil-futur u jigi vversat favur l-intimata ghall-bzonnijiet tal-minuri;**

4. **Tilqa' r-raba' talba limitatament u tordna lill-attur ihallas l-ammont ta' elf tmien mija u hamsin euro (€1850) rapprezentanti arretrati ta' manteniment ghax-xhur ta' bejn Jannar u Lulju tas-sena 2019. Fir-rigward tal-arretrati tal-ispejjez, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizjoni tat-talba fuq nuqqas ta' provi koerenti;**

**L-eccezzjonijiet tal-intimata ghat-talbiet tal-attur u l-eccezzjonijiet tal-attur ghat-talbiet maghmula fil-kontro-talba tal-intimata qeghdin jigu milqugha jew michuda kif fuq deciz.**

**Spejjes jithallsu zewg terzi (2/3) mill-attur u terz (1/3) mill-konvenuta.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**